Il-Kummissjoni Ewropea

# Impenn strateġiku ġħall-ugwaljanza bejn is-sessi 2016-2019

Ġustizzja u Konsumaturi

Europe Direct huwa servizz li jgħinek issib tweġibiet
għall-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea.
Numru tat-telefown waħdieni bla ħlas (*):
**00 800 6 7 8 9 10 11**

(*) L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn
(għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2016
2016 — pp. 48 — 20 × 20 cm

Brussels, 3.12.2015
SWD(2015) 278 final

| | | | |
|---|---|---|---|
| Print | ISBN 978-92-79-53440-9 | doi:10.2838/349 | DS-04-15-858-MT-C |
| PDF | ISBN 978-92-79-53434-8 | doi:10.2838/64323 | DS-04-15-858-MT-N |

© L-Unjoni Ewropea, 2016
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

*Printed in Belgium*
Stampat fuq karta bajda ħielsa mill-klorur elementari (ECF)

Impenn strateġiku

# għall-ugwaljanza bejn is-sessi

2016-2019

Għażiż Qarrej,

Bħala Kummissarju Ewropew għall-Ġustizzja, il-Konsumaturi u l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri, ninsab kuntenta ħafna li nintroduċilkom l-impenn Strateġiku tagħna għall-ugwaljanza bejn is-sessi 2016-2019.

Filwaqt li l-Ewropa għamlet progress pass pass matul l-aħħar snin, u minkejja x-xogħol iebes fil-livell lokali, nazzjonali u Ewropew, l-ugwaljanza bejn is-sessi għadha ma tlestietx. Għadna 'l bogħod milli nilħqu l-ugwaljanza, b'mod partikolari f'oqsma bħalma huma l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, l-indipendenza ekonomika, il-pagi u l-pensjonijiet, l-ugwaljanza f'pożizzjonijiet ta' tmexxija, il-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi ta' sess u l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-azzjonijiet esterni tagħna.

Biex niggwidaw it-triq 'il quddiem għall-Unjoni Ewropea, ġbarna l-fehmiet minn madwar l-Ewropa kollha dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi — permezz ta' stħarriġ tal-Ewrobarometru, Forum dwar il-futur ta' ugwaljanza bejn is-sessi u ta' konsultazzjoni pubblika onlajn. Evalwajna wkoll is-saħħiet u d-dgħufijiet tal-Istrateġija għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel (2010-2015).

Dan l-impenn Strateġiku għall-ugwaljanza bejn is-sessi 2016-2019 jimmarka fażi ġdida fl-isforzi tagħna biex nippromwovu l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel filwaqt li nkomplu niffokaw fuq oqsma ta' prijorità għal azzjoni ta' rilevanza partikolari. Huwa jidentifika aktar minn tletin azzjoni ewlenija biex jiġu implimentati f'ħames oqsma ta' prijorità, skedi ta' żmien u indikaturi għall-monitoraġġ. Barra minn hekk, huwa jenfasizza l-ħtieġa biex tiġi integrata perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi fil-politiki kollha tal-UE kif ukoll fil-programmi ta' finanzjament tal-UE. Din se tkun l-istrateġija tiegħi biex niżgura li l-ugwaljanza bejn is-sessi tiġi promossa madwar l-UE kollha permezz ta' azzjonijiet konkreti u passi effettivi.

Ninsab ħerqana li naħdem magħkom fis-snin li ġejjin biex niżguraw li l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel issir dejjem aktar realtà.

**Věra Jourová**

*Il-Kummissarju għall-Ġustizzja, il-Konsumaturi u l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri*

# 1. INTRODUZZJONI

Il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi hija attività prinċipali għall-UE: l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija valur fundamentali tal-UE,[1] għan tal-UE[2] u xprunatur għat-tkabbir ekonomiku.[3]L-Unjoni għandha fil-mira l-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa fl-attivitajiet kollha tagħha.[4]

L-istrateġija 2010-2015 tal-Kummissjoni għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel[5] ipprijoritizzat ħames oqsma ewlenin għall-azzjoni:

- **indipendenza ekonomika ugwali għan-nisa u l-irġiel;**
- **paga ugwali għal xogħol ta' valur ugwali;**
- **ugwaljanza fit-teħid tad-deċiżjonijiet;**
- **id-dinjità, l-integrità u t-tmiem tal-vjolenza abbażi ta' sess; u**
- **il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel 'lil hinn mill-UE.**

Fis-snin riċenti intlaħaq progress,[6] kif tixhed, pereżempju, l-ogħla rata ta' impjiegi li qatt ġiet irreġistrata għan-nisa (64 % fl-2014) u l-parteċipazzjoni dejjem tiżdied tagħhom fit-teħid ta' deċizjonijiet ekonomiċi. Madankollu, din ix-xejra 'l fuq hija mnaqqsa mill-inugwaljanza persistenti f'oqsma oħra eż. f'termini ta' paga u qligħ.

Il-ħames oqsma ewlenin identifikati fl-2010 għadhom validi sal-lum. L-azzjoni fuq l-aħħar ħames snin sabiex tindirizza l-inugwaljanzi bejn is-sessi għandha bżonn aktar żmien biex tiżgura l-bidliet u l-appoġġ neċessarji fil-forma ta' miżuri ġodda f'dawn l-oqsma. Fl-istess ħin, il-bidliet riċenti soċjoekonomiċi li jirriżultaw mill-kriżi ekonomika, il-firxa mgħaġġla tat-teknoloġija diġitali u immigrazzjoni u integrazzjoni għandhom impatt fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi.

Għaldaqstant, kif stipulat fil-programm tagħha ta' ħidma tal-2016,[7]il-Kummissjoni se tkompli bil-ħidma prattika tagħha biex tipprom-wovi l-ugwaljanza bejn is-sessi. L-azzjoni se tkompli b'attenzjoni fuq il-ħames oqsma ta' prijorità kollha. Jinħtieġu sforzi mill-atturi kollha jekk għandna nilħqu ugwaljanza vera bejn in-nisa u l-irġiel fl-isferi kollha tal-ħajja fi ħdan l-UE u postijiet oħra. L-"Impenn strateġiku għall-ugwaljanza bejn is-sessi 2016-2019" huwa qafas ta' referenza għal sforzi miżjuda fil-livelli kollha, sew jekk huma Ewropej, nazzjonali, reġjonali jew lokali. Dan se jkompli jikkorrobora l-Patt Ewropew 2011-2020 għall-ugwaljanza bejn is-sessi.[8]

L-Istati Membri, il-Parlament Ewropew u firxa wiesgħa ta' partijiet interessati lkoll taw kontribut, inkluż permezz ta' konsultazzjoni pubblika li attirat kważi 5 000 risposta. Maġġoranza assoluta (94%) tal-organizzazzjonijiet li rrispondew iqisu li l-prijoritajiet stipulati fl-istrateġija attwali għadhom validi għal involviment fil-futur.

Din il-fehma hija kkonfermata minn Stati Membri, li jagħrfu wkoll l-importanza ta' azzjoni fuq il-livell Ewropew li tipprovdi qafas ta' referenza.[9]Aktar u aktar Stati Membri qed jindirizzaw l-isfidi ta' ugwaljanza bejn is-sessi permezz ta' strateġiji nazzjonali jew pjanijiet ta' azzjoni għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel (ara Anness 5). Dawn ivarjaw fl-attenzjoni u l-ambizzjoni, imma kollha kemm huma (ara Anness 6) iko-

1 Artikolu 2 TUE.
2 Artikolu 3 TUE.
3 OECD, *Tneħħija tad-disparità bejn is-sessi: naġixxu issa.*
4 Artikolu 8 TFUE.
5 *Strateġija għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel 2010-2015* (COM(2010) 491).
6 Ara, pereżempju: http://ec.europa.eu/justice/gender-equality/files/annual_reports/150324_annual_report_2014_web_en.pdf.
7 COM(2015) 610.
8 Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur, is-7 ta' Marzu 2011.
9 Opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar opportunitajiet ugwali għan-nisa u l-irġiel dwar l-*Ugwaljanza bejn is-sessi fis-seklu 21: sfidi u prijoritajiet li għad baqa'.*

pru politiki dwar vjolenza abbażi tas-sess u ugwaljanza bejn is-sessi fis-suq tax-xogħol. Edukazzjoni u taħriġ; sterjotipi tas-sessi u r-rikonċiljazzjoni bejn ix-xogħol u l-ħajja tal-familja huma wkoll koperti b'mod estensiv; it-teħid tad-deċiżjonijiet huwa l-qasam indirizzat l-anqas.

"L-Impenn strateġiku għall-ugwaljanza bejn is-sessi 2016-2019" huwa bbażat fuq evalwazzjoni[10] kontinwa u *ad hoc*[11] tal-istrateġija 2010-2015, li kkonkludiet *inter alia* li żied il-valur f'numru ta' oqsma, speċjalment f'relazzjoni mal-issettjar tal-aġenda u t-tagħlim, billi jipprovdi qafas ta' valur għall-integrazzjoni tas-sessi fil-Kummissjoni u għall-implimentazzjoni ta' qafas koerenti għall-politiki ta' ugwaljanza bejn is-sessi fl-Istati Membri.

L-Ewropej jemmnu bis-sħiħ dwar il-promozzjoni ta' ugwaljanza bejn is-sessi: tliet kwarti ta' dawk li wieġbu fi stħarriġ riċenti tal-Ewrobarometru (76%) jaħsbu[12] li l-indirizzar tal-inugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa għandu jkun prijorità tal-UE. Madwar disa' minn għaxra (91%) jaqblu li l-indirizzar tal-inugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa huwa meħtieġ għall-ħolqien ta' soċjetà aktar ġusta.

# 2. UGWALJANZA BEJN IS-SESSI FL-2015: SFIDI U DISPARITAJIET

Waqt il-kriżi, il-qgħad laħaq livelli insopportabbli kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa f'wisq pajjiżi. Madankollu, madwar l-UE, aktar u aktar nisa huma **attivi ekonomikament. L-impjiegi** tan-nisa laħqu l-ogħla livell li qatt ġie rrekordjat (64 %)[13] fl-2014, filwaqt li l-impjiegi tal-irġiel (75 %)[14] għad iridu jilħqu l-livell ta' qabel il-kriżi. Bħala riżultat, aktar u aktar familji qed jiddependu finanzjarjament fuq ix-xogħol tan-nisa. In-nisa għamlu progress **f'pożizzjonijiet fejn jittieħdu d-deċiżjonijiet** f'ħafna sferi tal-ħajja u, għalkemm għadhom jirrapreżentaw 21% biss[15] ta' membri tal-bord tal-akbar kumpaniji elenkati, dan huwa titjib (disa' punti perċentwali) sinifikanti fuq dawn l-aħħar ħames snin. It-titjib l-aktar sostanzjali ġie osservat fil-pajjiżi li introduċew miżuri leġiżlattivi. Il-bilanċ bejn is-sessi fil-politika tjieb ukoll, imma b'pass aktar bil-mod: il-proporzjon tan-nisa fil-parlamenti u gvernijiet nazzjonali żdied b'mod kostanti minn 22 % u 21 % rispettivament fi tmiem l-2004 għal 29 % u 27 % fl-2015.[16] Inugwaljanzi bejn is-sessi f'korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet f'organizzazzjonijiet ta' riċerka tnaqqsu wkoll: il-proporzjon ta' kapijiet nisa ta' istituzzjonijiet żdied fi 15 minn 20 pajjiż tal-UE li għalihom kienet disponibbli d-data tal-2010 u l-2014.[17]

L-attitudnijiet lejn l-ugwaljanza qed jevolvu, iżda l-ġenerazzjoni żagħżugħa tal-lum mhijiex immuni għall-isterjotipi u d-disparitajiet bejn is-sessi. L-inugwaljanzi bejn is-sessi fl-edukazzjoni jippersistu - f'termini ta' preferenzi ta' suġġetti ta' studju, prestazzjoni u mudelli ta'

10 Rieżami ta' nofs it-terminu tal-istrateġija għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u rapporti annwali.
11 http://ec.europa.eu/justice/gender-equality/files/documents/151120_strategy_evaluation_en.pdf.
12 Ewrobarometru Speċjali 428 (Marzu 2015).
13 Eurostat.
14 Idem.
15 Bażi tad-data dwar in-nisa u l-irġiel fit-teħid tad-deċiżjonijiet tad-DĠ Ġustizzja u Konsumaturi, April 2015.
16 *Idem.*
17 Ċifri tas-SHE: fuljett tal-2015.

parteċipazzjoni. Is-subien, speċjalment dawk minn sfond żvantaġġjat, ma jkomplux l-iskola aktar mill-bniet u jaffaċċjaw aktar diffikultajiet fil-qari.[18] Hu aktar probabbli li n-nisa jkollhom grad ta' edukazzjoni ogħla imma jibqgħu rrapreżentati żżejjed f'oqsma ta' studju li huma marbuta ma' rwoli tradizzjonali femminili bħall-oqsma relatati mal-indukrar u ftit huma rrapreżentati fix-xjenza, fil-matematika, fl-IT, fl-inġinerija u f'karrieri relatati. Bħala riżultat, **l-inugwaljanza fil-professjonijiet** qed tieħu forom ġodda aktar milli tonqos u, minkejja l-investiment tagħhom fl-edukazzjoni, in-nisa żgħażagħ għandhom darbtejn ċans aktar mill-irġiel żgħażagħ li jkunu ekonomikament inattivi. In-nisa jirrapreżentaw ukoll l-akbar sors mhux sfruttat ta' potenzjal intraprenditorjali, fejn jirrapreżentaw 29% biss tal-intraprendituri.

F'termini ta' aċċess għar-**riżorsi finanzjarji tul il-ħajja**, l-ugwaljanza bejn is-sessi tibqa' xi ħaġa eludenti. In-nisa (b'mod partikolari n-nisa migranti u nisa li jmexxu unitajiet domestiċi b'ġenitur wieħed) xorta jiġġeneraw proporjzon ħafna aktar baxx ta' dħul fis-suq tax-xogħol mill-irġiel. In-nisa li jaħdmu, speċjalment l-ommijiet, huma aktar probabbli li jaħdmu part-time u jitħallsu fuq medja 16 %[19] anqas mill-irġiel għal kull siegħa xogħol. Bħala konsegwenza, id-disparità bejn is-sessi fid-dħul ġenerali waqt is-snin attivi laħqet 41 %[20] u twassal għal disparità bejn is-sessi vera wiesgħa fejn jidħlu pensjonijiet, li llum qiegħda 40 %.[21] Nisa akbar fl-età huma f'riskju akbar ta' faqar u esklużjoni soċjali mill-irġiel u l-ebda xejra mitiganti ma ġiet osservata fis-snin riċenti. Mingħajr azzjoni ġdida, in-nisa probabbilment se jkomplu jkunu ekonomikament żvantaġġati minħabba l-maternità matul il-karriera tagħhom u meta jirtiraw, b'mod partikolari bħala riżultat ta' qsim inugwali tar-responsabbiltajiet tal-indukrar u x-xogħol tad-dar (nisa li jaħdmu xorta jiddedikaw sagħtejn u nofs kuljum aktar mill-irġiel għad-dmirijiet ta' familja u tad-dar).[22]

**Il-vjolenza abbażi tas-sess** għadha mifruxa u tista' tieħu diversi forom: mara minn kull tlieta esperjenzat vjolenza fiżika jew sesswali, 5 % kienu stuprati sa mill-età ta' 15 u 20 % esperjenzaw fastidju online.[23] Vjolenza bħal din isseħħ kullimkien - fid-dar, fix-xogħol, fl-iskola, fit-triq jew online - irrispettivament mill-isfond soċjali. Il-vjolenza abbażi tas-sess u sterjotipi negattivi fl-isport, pereżempju, huma mifruxa.[24] Tagħmel ħsara lill-vittmi mhux biss f'termini ta' saħħithom u benesseri, imma anke f'ħajjithom fuq ix-xogħol, b'hekk tagħmel ħsara lill-indipendenza finanzjarja u l-ekonomija b'mod ġenerali. Huwa stmat li 500 000 nisa u bniet fl-UE huma f'riskju ta' mutilazzjoni ġenitali femminili (MĠF).[25] Barra minn hekk, in-nisa u l-bniet jiffurmaw il-maġġoranza tal-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin (68 % nisa, 17 % irġiel, 12 % bniet u 3 % subien).[26]

**Madwar id-dinja**, id-drittijiet fundamentali tan-nisa għadhom ikunu miksura u jaffaċċjaw diskriminazzjoni fl-aċċess għall-edukazzjoni, xogħol, ħarsien soċjali, wirt, assi ekonomiċi, riżorsi produttivi u parteċipazzjoni fit-teħid tad-deċiżjonijiet u fis-soċjetà b'mod ġenerali.

In-nisa jqattgħu minn tnejn sa għaxar darbiet aktar ħin f'xogħol bla ħlas mill-irġiel, li hu wieħed mill-ostakli ewlenin għall-emanċipazzjoni ekonomika u politika.[27] Bħalissa madwar 140 miljun tifla u mara qed jgħixu bil-konsegwenzi tal-MĠF. Tifla waħda minn kull disa' hija miżżewġa qabel l-età ta' 15-il sena, b'ħafna jkunu sfurzati jiżżewġu u jsiru ommijiet qabel l-età ta' 16-il sena.[28] Dan għandu konsegwenzi serji: il-komplikazzjonijiet waqt it-tqala u t-twelid huma t-tieni l-akbar kawża ta' mewt fost it-tfajliet adolexxenti.[29] Mit-twaqqif tal-Għani-

18 Ara, pereżempju, OECD, 2014, *Is-subien u l-bniet huma ppreparati ndaqs għal ħajja?* http://www.oecd.org/pisa/pisaproducts/PIF-2014-gender-international-version.pdf.
19 Eurostat, l-aktar data riċenti disponibbli hija tal-2012.
20 *Idem*.
21 Rapport dwar l-Adegwatezza tal-Pensjonijiet (2015) tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali u tal-Kummissjoni Ewropea.
22 Eurofound.
23 Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA).
24 Studju dwar il-vjolenza abbażi tas-sess fl-isport: https://eacea.ec.europa.eu/about-eacea/calls-for-tender/study-gender-based-violence-in-sport- eacea201502_en
25 Riżoluzzjoni tal-PE dwar it-tmiem tal-MĠF, 2012.
26 Eurostat.
27 http://www.oecd.org/dev/development-gender/Unpaid_care_work.pdf
28 Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, stqarrija tal-aħbarijiet, Marzu 2013.
29 http://who.int/mediacentre/factsheets/fs364/en/

jiet ta' Żvilupp tal-Millennju,[30] jiddispjaċina ngħidu li l-progress fuq is-saħħa materna miexi bil-mod wisq u n-nisa u l-bniet huma affetwati mill-HIV b'mod sproporzjonat. Dan huwa marbut ukoll man-nuqqas ta' żgurar ta' aċċess universali għal servizzi ta' kura tas-saħħa sesswali u riproduttiva għan-nisa u l-bniet.

# 3. PRIJORITAJIET U AZZJONIJIET EWLENIN GĦALL-2016-2019

Fil-programm ta' ħidma tagħha, il-Kummissjoni affermat mill-ġdid l-impenn tagħha biex tkompli xogħolha sabiex tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa. Dan ifisser iż-żamma tal-attenzjoni tal-politika dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi fuq il-ħames oqsma eżistenti ta' prijorità tematika:

- iż-żieda fil-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol u l-indipendenza ekonomika ugwali tan-nisa u l-irġiel;
- it-tnaqqis tad-disparità bejn is-sessi fil-pagi, fil-qligħ u l-pensjonijiet u b'hekk jingħeleb il-faqar fost in-nisa;
- il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fit-teħid tad-deċiżjonijiet;
- il-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tas-sess u l-ħarsien u l-appoġġ tal-vittmi; u
- il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u d-drittijiet tan-nisa madwar id-dinja.

Hawn taħt stipulajna l-azzjonijiet ewlenin, magħżula għall-impatt massimu u għall-kapaċità ta' twassil waqt il-mandat ta' din il-Kummissjoni, flimkien mal-indikazzjonijiet rigward iż-żmien. Il-progress se jitkejjel, b'mod partikolari, skont l-indikaturi f'Anness 1 u l-miri f'Anness 2. Fl-oqsma ta' prijorità kollha, se tingħata attenzjoni għar-rwol tal-irġiel, iż-żarmar ta' sterjotipi tas-sessi u l-promozzjoni ta' rwoli li ma jiddiskriminawx bejn is-sessi. Se tingħata attenzjoni partikolari għall-bżonnijiet speċifiċi ta' gruppi li jiffaċċjaw aktar minn żvantaġġ wieħed, eż. ġenituri waħedhom u nisa anzjani, migranti, ir-Roma u l-persuni b'diżabilità.

Taħlita tal-istrumenti leġiżlattivi, mhux leġiżlattivi u ta' finanzjament li ġejjin se jintużaw biex jintlaħqu l-għanijiet taħt kull prijorità, inkluż:
- l-integrazzjoni ta' perspettiva ta' ugwaljanza bejn is-sessi fl-attivitajiet kollha tal-UE (ara sezzjoni 4);
- l-infurzar tal-leġiżlazzjoni ta' trattament ugwali;
- programmi ta' finanzjament tal-UE għall-2014-2020 (ara sezzjoni 5);
- ġbir ta› data dejjem għaddej u mtejjeb bl-appoġġ tal-Eurostat, l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE), Eurofound, il-Kunsill tal-Ewropa (KtE) u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA);

30 http://www.unmillenniumproject.org/goals/

- skambju ta' prattika tajba u attivitajiet ta' tagħlim bejn il-pari bejn l-Istati Membri u kooperazzjoni mal-atturi kollha (ara taqsima 6); u
- Analiżi annwali tal-azzjonijiet prinċipali mwettqa, b'konnessjoni mal-preparazzjoni tar-rapport annwali dwar il-progress fl-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, sabiex tevalwa il-bżonn għal aktar azzjoni.

## 3.1. Iż-żieda fil-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol u l-indipendenza ekonomika ugwali tan-nisa u l-irġiel

**Għanijiet**

Jekk għandna nilħqu l-mira tal-UE ta' 75% tal-irġiel u n-nisa b'impjieg sal-2020 u, b'mod partikolari, innaqqsu d-disparità fl-impjiegi, hemm bżonn ta' sforzi koordinati biex jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol. Kif enfasizzat fil-programm ta' ħidma tal-2016, dan se jinkludi l-iffaċilitar tal-bilanċ bejn ir-responsabbiltajiet tal-indukrar u dawk professjonali. Dan jeħtieġ ukoll qsim aktar ugwali ta' ħin mgħoddi fuq responsabbiltajiet ta' indukrar u tad-dar. Il-miri ta' Barċellona[31] dwar l-indukrar tat-tfal għandhom jintlaħqu u ssir riflessjoni mal-Istati Membri dwar modi kif jistgħu jsiru aktar ambizzjużi u kif jistgħu jkunu estiżi biex ikopru l-indukrar ta' dipendenti oħrajn. L-intraprenditorija tan-nisa, l-ugwaljanza bejn is-sessi fir-riċerka u l-integrazzjoni ta' nisa migranti fis-suq tax-xogħol huma komponenti oħrajn ta' indipendenza ekonomika ugwali.

**AZZJONIJIET EWLENIN BIEX JINTLAĦQU DAWN L-GĦANIJIET**

Azzjoni kontinwa biex jiżdied is-sehem tan-nisa fis-suq tax-xogħol u l-kombinament tax-xogħol u l-ħajja tal-familja, ikkumplimentata minn inizjattiva ġdida u komprensiva biex tindirizza l-isfidi ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata li jiffaċċjaw il-ġenituri li jaħdmu u l-persuni li jindukraw[32] (2016-2019):

- *l-immodernizzar tal-qafas legali attwali tal-UE: l-iżgurar ta' infurzar aħjar u fejn xieraq l-adattament ta' leġiżlazzjoni fl-oqsma tal-liv u arranġamenti flessibbli tax-xogħol, f'konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali[33], sabiex jinstab bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għal ġenituri u nies b'responsabbiltajiet ta' kura (2016-2019);*
- *l-istabbiliment ta' qafas wiesa' ta' politika li tappoġġja l-parteċipazzjoni tal-ġenituri fis-suq tax-xogħol u użu aktar ugwali tal-liv u ta' arranġamenti aktar flessibbli tax-xogħol, inkluż l-ikkunsidrar tal-possibbiltà ta' valutazzjoni komparattiva, l-użu mmirat ta' għodod finanzjarji tal-UE li jappoġġjaw lill-Istati Membri u sensibilizzazzjoni (2016);*
- *monitoraġġ u appoġġ kontinwu lill-Istati Membri fl-ilħuq tal-miri ta' Barċellona dwar l-indukrar tat-tfal (kull sena); jiġu meqjusa r-riżultati ta' konsultazzjoni pubblika dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata[34], l-ikkunsidrar ta' konsultazzjoni mal-Istati Membri u l-partijiet konċernati dwar kif il-miri ta' Barċellona jistgħu jsiru aktar ambizzjużi u l-ikkunsidrar ta' approċċ aktar komprensiv, eż. il-kopertura tal-indukrar ta' dipendenti oħra, aċċessibbiltà* u kwalità (2016);

31 Il-provvediment ta' indukrar tat-tfal għal 33 % tat-tfal taħt it-3 snin u 90 % tat-tfal bejn it-3 snin u l-età obbligatorja tal-iskola.
32 Il-programm ta' ħidma 2016 tal-Kummissjoni, Anness I, azzjoni 2; http://ec.europa.eu/smart- regulation/roadmaps/docs/2015_just_012_new_initiative_replacing_maternity_leave_directive_en.pdf
33 Konsultazzjoni tal-Ewwel Fażi tal-Kummissjoni Ewropea (2015) mal-Imsieħba Soċjali Skont l-Artikolu 154 tat-TFUE dwar Azzjoni Possibli li Tindirizza l-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata li Jiffaċċjaw Ġenituri li Jaħdmu u Persuni li Jindukraw, C(2015) 7754 finali
34 http://ec.europa.eu/justice/newsroom/gender-equality/opinion/1511_roadmap_reconciliation_en.htm

l-appoġġ lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex iżidu l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, monitoraġġ mill-qrib ta' miżuri ta' riforma nazzjonali taħt is-Semestru Ewropew skont il-linji gwida dwar l-impjiegi[35] u l-ħruġ ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi fejn hu meħtieġ (kull sena); u

- aktar appoġġ lill-kumpaniji fl-isforzi tagħhom biex iżidu l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol billi jiġu ffaċilitati l-pjattaformi tal-Karta dwar id-Diversità[36] (kontinwu).
- Barra minn hekk, se jitkomplew jissaħħu l-isforzi, b'attenzjoni fuq:
- l-evalwazzjoni tad-Direttiva dwar is-Sigurtà Soċjali[37] u s-segwitu tal-eżiti; l-abbozzar ta' rapport dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Persuni li Jaħdmu għal Rashom[38] u l-possibbiltà ta' azzjoni ta' segwitu (2016);
- l-integrazzjoni ta' perspettiva dwar is-sessi fl-implimentazzjoni tal-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni,[39] li tindirizza l-ostakli għall-progress tal-impjiegi u l-karrieri ta' nisa migranti; l-għajnuna għal Stati Membri biex jagħmlu użu sħiħ mill-possibbiltajiet offruti mill-Fond Soċjali Ewropew (FSE) f'dan il-qasam (2016-2019);
- is-sensibilizzazzjoni li tippromwovi l-intraprenditorja tan-nisa, inkluż it-tnedija ta' pjattaforma elettronika għall-intraprendituri nisa (2016), il-ħolqien ta' Netwerk Ewropew ta' Women Business Angels (2016) u n-Netwerk ta' Ċentri ta' Intraprendituri Web Nisa (2016-2017); u
- il-promozzjoni ta' bidla istituzzjonali fl-organizzazzjonijiet tar-riċerka biex jitneħħew l-ostakli għall-ugwaljanza bejn is-sessi u l-involvi-ment tal-organizzazzjonijiet kollha ta' riċerka sabiex jiġu implimentati l-pjanijiet tal-ugwaljanza ta' bejn is-sessi (2016-2017).

35 Adottat mill-EPSCO fil-5 ta' Ottubru 2015.
36 http://ec.europa.eu/justice/discrimination/diversity/index_en.htm
37 Direttiva 79/7/KEE dwar l-implimentazzjoni progressiva tal-prinċipju ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali; qabbel mal-programm ta' ħidma 2015 tal-Kummissjoni, Anness III, punt 60.
38 Direttiva 2010/41/UE dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa li jeżerċitaw attività li fiha jaħdmu għal rashom u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 86/613/KEE
39 COM(2015) 240 finali.

## 3.2. Tnaqqis tad-disparitajiet bejn is-sessi fil-paga, il-qligħ u l-pensjonijiet u b'hekk jingħeleb il-faqar fost in-nisa

**Għanijiet**

L-għan tat-tnaqqis tad-disparitajiet persistenti bejn is-sessi fil-paga, l-qligħ u l-pensjonijiet, u b'hekk l-inugwaljanza fl-aċċess għar-riżorsi finanzjarji matul il-ħajja huwa kkonfermat mill-ġdid. Dan jeħtieġ b'mod partikolari tnaqqis sostanzjali fl-inugwaljanza fis-setturi u fil-professjonijiet ekonomiċi, żieda fis-sigħat globali ta' xogħol bi ħlas tan-nisa, sensibilizzazzjoni u implimentazzjoni effettiva ta' leġiżlazzjoni ta' ħlas ugwali. Dan jeħtieġ ukoll politiki u miżuri għal dawk li qed jiffaċċjaw ostakli partikolari għad-dħul fis-suq tax-xogħol, bħal nisa migranti u ġenituri waħedhom. Barra minn hekk, il-kawżi u l-konsegwenzi tad-disparità bejn is-sessi fil-pensjoni għandhom bżonn jiġu indirizzati, peress li din hija ostaklu għall-indipendenza ekonomika tan-nisa anzjani, li jiffaċċjaw riskju ta' faqar ogħla mill-irġiel.

**AZZJONIJIET EWLENIN BIEX JINTLAĦQU DAWN L-GĦANIJIET**

- Aktar titjib tal-implimentazzjoni u l-infurzar tal-prinċipju ta' ħlas ugwali permezz ta' twettiq ta' valutazzjoni tad-Direttiva 2006/54/KE[40] (2016-2017) u l-ikkunsidrar inter alia:

i. tat-tisħiħ tat-trasparenza tal-ħlas abbażi tar-rapport li se jitfassal fuq il-miżuri tal-Istati Membri sabiex jimplimentaw ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni;[41]

ii. tal-effetti ta' ġurisprudenza riċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea rigward l-użu tas-sess bħala fattur attwarju li jinfluwenza l-pensjonijiet statutorji u kuntratti ta' assigurazzjoni privata fis-settur tal-pensjonijiet tax-xogħol bl-effett possibbli tal-prevenzjoni ta' pensjonijiet aktar baxxi għan-nisa abbażi tal-istennija tal-għomor aktar għolja tagħhom;

iii. ta' sanzjonijiet biex jissaħħaħ l-effett deterrenti tal-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni fil-pagi; u

iv. tal-funzjonament effiċjenti u effikaċi tal-korpi tal-ugwaljanza biex ikun iffaċilitat l-aċċess għall-ġustizzja għall-vittmi tad-diskriminazzjoni;

- appoġġ kontinwu għall-isforzi tal-Istati Membri biex jiżguraw paga ugwali u jindirizzaw il-kawżi prinċipali tad-disparitajiet bejn is-sessi fil-pagi, il-qligħ u l-pensjonijiet; l-użu tas-Semestru Ewropew (kull sena);
- kooperazzjoni ma' korpi ta' ugwaljanza u appoġġ lill-kumpaniji fl-isforzi sabiex tiġi żgurata paga ugwali billi jiġu ffaċilitati pjattaformi tal-Karta dwar id-Diversità (kontinwi);
- ikompli jitfakkar il-Jum Ewropew għall-Paga Ugwali b'attivitajiet ta' informazzjoni madwar l-Ewropa sabiex jintlaħqu l-Istati Membri; is-sensibilizzazzjoni tar-rabta bejn l-intitolamenti tal-paga, tal-qligħ u tal-pensjoni fix-xjuħija (kull sena);

40 Direttiva 2006/54/KE dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u professjonijiet (riformulazzjoni).
41 Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni C(2014) 1405 finali dwar it-tisħiħ tal-prinċipju ta' paga ugwali bejn l-irġiel u n-nisa permezz tat-trasparenza

- tiġi kkunsidrata l-introduzzjoni ta' aktar miżuri sabiex jitjieb il-bilanċ bejn is-sessi fis-setturi u professjonijiet ekonomiċi; l-użu tal-Gran Koalizzjoni għall-Impjiegi Diġitali[42] sabiex jiġu appoġġjati miżuri li jtejbu l-ħiliet diġitali fost in-nisa u l-bniet u l-promozzjoni ta' impjiegi għan-nisa fis-settur tal-ICT (2016-2017); attivitajiet għas-sensibilizzazzjoni ta' għażliet ta' taħriġ edukattivi u vokazzjonali (2018-2019);
- il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi fil-livelli u t-tipi kollha ta' edukazzjoni, inkluż f'relazzjoni ma' għażliet u karrieri ta' suġġetti ta' studju bbażati fuq is-sess, bl-użu ta' għodod ta' politika ta' kooperazzjoni eżistenti u strumenti ta' finanzjament kif xieraq, skont il-prijoritajiet stabbiliti fil-qafas "Edukazzjoni u Taħriġ 2020" (2016-2019);
- l-iżvilupp kontinwu ta' sett komprensiv ta' miżuri[43] li jindirizzaw il-firxa sħiħa ta' kawżi tad-disparità bejn is-sessi fil-pensjonijiet f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, li jinkludi l-indikatur għall-kejl u l-monitoraġġ tagħha u l-miżuri biex inaqqsu l-fatturi abbażi tas-sess, eż. fir-rigward tal-indukrar (2016-2017).

42 https://ec.europa.eu/digital-agenda/en/grand-coalition-digital-jobs-0
43 Abbażi tal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-EPSCO ta' Ġunju 2015 dwar*Opportunitajiet ta' dħul ugwali għan-nisa u l-irġiel: innaqqsu d-disparità bejn is-sessi fil-pensjonijiet.*

## 3.3. Promozzjoni tal-ugwaljanza fit-teħid tad-deċiżjonijiet

**Għanijiet**

L-għan ta' bilanċ aħjar bejn is-sessi f'pożizzjonijiet ta' tmexxija ekonomika, b'mod partikolari mill-anqas 40 % rappreżentanza tas-sess l-inqas irrapreżentat fost id-diretturi mhux eżekuttivi tal-kumpaniji elenkati fil-Borża, hu kkonfermat mill-ġdid. Il-promozzjoni tal-ugwaljanza fit-teħid tad-deċiżjonijiet teħtieġ ukoll bilanċ aħjar bejn is-sessi fost id-diretturi eżekuttivi ta' kumpaniji maġġuri elenkati u fost it-talenti li għadhom ġejjin. Dawn l-isforzi għandhom ikunu kkumplimentati bi ġbir ta' data, azzjoni biex tindirizza r-rappreżentanza żejda tal-irġiel f'pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet fl-organizzazzjonijiet ta' riċerka u mižuri li jippromwovu l-bilanċ bejn is-sessi fit-teħid tad-deċiżjonijiet politiċi u fil-ħajja pubblika, inkluż l-isports. L-amministrazzjonijiet Ewropej se jmexxu b'eżempju. Il-Kummissjoni stess iffissat mira ta' 40 % ta' nisa fil-maniġment ta' grad għoli u medju sal-aħħar tal-2019 (ara Anness 3).

**AZZJONIJIET EWLENIN BIEX JINTLAĦQU DAWN L-GĦANIJIET**

- Ikompli jingħata appoġġ għall-adozzjoni tal-proposta tal-2012 għal Direttiva dwar it-titjib fil-bilanċ bejn is-sessi fost id-diretturi mhux eżekuttivi tal-kumpaniji elenkati fil-Borża sal-2016[44] monitoraġġ mill-qrib tat-traspożizzjoni u tal-implimentazzjoni, u appoġġ ta' inizjattivi fil-mira oħrajn sabiex jitjieb il-bilanċ bejn is-sessi fit-teħid tad-deċiżjonijiet, inkluż gwida għall-Istati Membri (kontinwi);
- ikomplu l-ġbir u t-tixrid tad-data dwar ir-rappreżentanza tan-nisa u l-irġiel f'pożizzjonijiet għolja ta' teħid ta' deċiżjonijiet, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (kontinwi);
- jiġu kkunsidrati mižuri sabiex jitjieb il-bilanċ bejn is-sessi fit-teħid tad-deċiżjonijiet politiċi u jissuktaw l-inkoraġġiment tal-Istati Membri u l-appoġġ lill-awtoritajiet nazzjonali fl-attivitajiet tagħhom dwar il-promozzjoni tal-bilanċ bejn is-sessi f'pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet politiċi u pubbliċi (2018);
- tingħata gwida lill-Istati Membri dwar approċċ komuni lejn l-implimentazzjoni ta' miri kwantitattivi għal pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet fir-riċerka (2016);
- tintlaħaq il-mira ta' 40 % ta' nisa fil-maniġment ta' grad għoli u medju fil-Kummissjoni sa tmiem il-mandat tagħha (kontinwa).

44 Il-programm ta' ħidma 2016 tal-Kummissjoni, Anness III, punt 3.

## 3.4. Il-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tas-sess u l-protezzjoni u l-appoġġ tal-vittmi

**Għanijiet**

Il-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tas-sess u l-protezzjoni u l-appoġġ tal-vittmi se tkompli tkun prijorità. Il-qerda tagħha teħtieġ sforżi akbar mill-atturi kollha, inklużi l-Istati Membri, biex titjieb id-disponibbiltà, il-kwalità u l-affidabbiltà tad-data, titqajjem kuxjenza, jinbidlu l-attitudnijiet, tiġi evitata vjolenza bħal din, jiġi żgurat appoġġ aħjar għall-vittmi u aċċess għall-ġustizzja, u ssir traspożizzjoni u implimentazzjoni bis-sħiħ tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE.

**AZZJONIJIET EWLENIN BIEX JINTLAĦQU DAWN L-GĦANIJIET**

- Adeżjoni tal-UE fil-konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika (Konvenzjoni ta' Istanbul), safejn jaslu l-kompetenzi tal-UE u b'kunsiderazzjoni tal-impatt legali ta' adeżjoni; l-implimentazzjoni sussegwenti tad-dispożizzjonijiet tagħha u jkompli jitħeġġeġ il-progress tal-Istati Membri fir-ratifika (2016)[45];
- ikompli l-infurzar tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi u l-liġijiet dwar l-ordnijiet Ewropej ta' protezzjoni, b'mod partikolari biex jiġi żgurat l-aċċess għall-ħarsien u l-appoġġ għal dawk esposti għall-vjolenza abbażi tas-sess (kontinwa);
- jittejbu aktar id-disponibbiltà, il-kwalità u l-affidabbiltà tad-data dwar il-vjolenza abbażi tas-sess permezz ta› kooperazzjoni mal-Eurostat,[46] l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (kontinwa); tkompli tinġabar data komparabbli dwar il-vjolenza abbażi tas-sess fl-isport permezz ta' studju speċifiku (2016);
- ikomplu l-azzjonijiet iffukati biex iwaqqfu kull forma ta' vjolenza abbażi tas-sess u jqajmu kuxjenza (2017);
- tkompli l-promozzjoni ta' bidliet fl-attitudni u fl-imġieba permezz ta' attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni, inklużi attivitajiet xierqa biex ifakkru l-Jum Internazzjonali ta' Tolleranza Żero għall-Mutilazzjoni Ġenitali Femminili (MĠF) (6 ta' Frar) u l-Jum Internazzjonali għall-Eliminazzjoni tal-Vjolenza kontra n-Nisa (25 ta' Novembru) (kull sena);
- tkompli l-implimentazzjoni ta' miżuri stipulati fil-Kommunikazzjoni *Lejn l-eliminazzjoni tal-mutilazzjoni ġenitali femminili*[47] u l-użu tal-istrumenti xierqa biex tinqered l-MĠF u tintuża din l-esperjenza biex jiġu indirizzati prattiki dannużi oħrajn; tiġi żviluppata pjattaforma elettronika ta' għarfien dwar l-MĠF għall-professjonisti rilevanti (2016-2017); u
- jittieħdu l-passi meħtieġa biex jingħata segwitu għar-rapport li jivvaluta l-konformità tal-Istati Membri mad-Direttiva Kontra t-Traffikar (2016) u jiġi żgurat li d-dimensjoni tas-sessi fit-traffikar tal-bnedmin tkun indirizzata (kontinwa).

45 http://ec.europa.eu/smart-regulation/roadmaps/docs/2015_just_010_istanbul_convention_en.pdf
46 F'ċertu punt din tista' teħtieġ leġiżlazzjoni (regolament statistiku), skont ir-riżultat tax-xogħol ta' żvilupp.
47 COM(2013) 833 finali.

## 3.5. Il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u d-drittijiet tan-nisa madwar id-dinja

**Għanijiet**

Il-ħarsien u l-promozzjoni tad-drittijiet tan-nisa u bniet u l-ugwaljanza bejn is-sessi hija prijorità politika għar-relazzjonijiet esterni tal-UE, u l-UE hija impenjata bil-qawwi biex ikollha rwol ewlieni f'dan ir-rigward. Dawn huma pre-kondizzjonijiet essenzjali għal żvilupp sostenibbli ekwitabbli u inklussiv, u valuri u għanijiet importanti fihom infushom. Dawn huma wkoll pre-kondizzjoni għall-paċi u s-sigurtà madwar id-dinja u jgħinu fil-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni u l-estremiżmu, li jiddenigraw lin-nisa u jiksru d-drittijiet u d-dinjità tagħhom. L-UE tibqa' impenjata bis-sħiħ għall-promozzjoni, il-ħarsien u t-twettiq tad-drittijiet kollha tal-bniedem u għall-implimentazzjoni sħiħa u effettiva ta' obbligi u impenji għad-drittijiet tan-nisa fil-fora internazzjonali kollha, b'mod partikolari l-Konvenzjoni dwar l-eliminazzjoni ta' kull forma ta' diskriminazzjoni kontra n-nisa[48] taħt il-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing tan-NU[49] u l-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp.

Id-drittijiet tan-nisa u l-bniet, l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-emanċipazzjoni tan-nisa u l-bniet huma fil-qalba tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli tan-NU, kemm bħala għan awtonomu[50] kif ukoll bħala kwistjoni trasversali integrata fil-miri u l-indikaturi tal-għanijiet għall-iżvilupp sostenibbli kollha.[51] Dawn għandhom ikunu wkoll kunsiderazzjonijiet essenzjali fl-użu ta' mezzi ta' implimentazzjoni finanzjarji u mhux finanzjarji, u fil-mekkaniżmi ta' reviżjoni, ta' monitoraġġ u ta' responsabbiltà tal-Aġenda 2030. Peress li l-Aġenda tapplika universalment għall-pajjiżi kollha, inklużi l-Istati Membri tal-UE, huwa essenzjali li tiġi żgurata koerenza bejn il-politiki interni u esterni tal-UE fil-livelli kollha. L-ugwaljanza bejn is-sessi u l-adozzjoni tal-*acquis* tal-UE dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi għandhom jibqgħu jiġu vvalutati fil-proċess ta' adeżjoni.

**AZZJONIJIET EWLENIN BIEX JINTLAĦQU DAWN L-GĦANIJIET**

F'kooperazzjoni mas-SEAE u l-Istati Membri, jiġi implimentat il-pjan ta' azzjoni stipulat fid-dokument ta' ħidma konġunta tal-persunal dwar l-Ugwaljanza bejn is-sessi u l-emanċipazzjoni tan-nisa: it-trasformazzjoni tal-ħajjiet ta' bniet u nisa permezz tar-relazzjonijiet esterni tal-UE, 2016-2020[52] (2016-2019) u, skont dan il-qafas ġdid għall-attivitajiet tal-UE dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi fir-relazzjonijiet esterni, jittieħed impenn:

- flimkien mas-SEAE u f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, biex jingħata appoġġ lill-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u d-drittijiet tan-nisa fl-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli tan-NU u l-implimentazzjoni tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing (kontinwa).
- flimkien mas-SEAE u l-Istati Membri, sabiex ikunu promossi l-ugwaljanza bejn is-sessi u mħarsa d-drittijiet tal-bniet u n-nisa permezz tal-pjan ta' azzjoni tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija, l-approċċ komprensiv għall-implimentazzjoni mill-UE tar-Riżoluzzjonijiet 1325 u 1820 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU (KSNU) dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà u l-linji gwida tal-UE tal-2008 dwar il-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet (kontinwa);

48 http://www.un.org/womenwatch/daw/cedaw/
49 http://www.un.org/womenwatch/daw/beijing/platform/
50 Għan awtonomu 5.
51 https://sustainabledevelopment.un.org/post2015/transformingourworld.
52 SWD(2015) 182 finali, 21.9.2015; approvat mill-Kunsill fis-26 ta' Ottubru 2015

- biex ikompli l-finanzjament u l-monitoraġġ tal-azzjoni li tippromwovi l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-kooperazzjoni ta' żvilupp u tal-viċinat u fl-għajnuna umanitarja, inkluż permezz tal-użu sistematiku tal-għodda tal-OECD li tikkunsidra l-integrazzjoni tas-sessi[53] fl-iżvilupp tal-kooperazzjoni u l-għodda li tikkunsidra l-integrazzjoni tas-sessi u l-età[54] fl-azzjonijiet umanitarji kollha ffinanzjati mill-UE, sabiex jiġi vvalutat jekk il-bżonnijiet u l-vulnerabbiltajiet tal-irġiel u n-nisa ta' kull età ġewx identifikati u indirizzati (kontinwa); u
- sabiex ikompli l-monitoraġġ mill-qrib u l-appoġġ għall-konformità ta' pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali mal-kriterji ta' Copenhagen għas-sħubija fl-UE f'dak li jirrigwarda d-drittijiet tal-bniedem inkluża l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel; ikomplu l-isforzi sabiex tiġi integrata perspettiva ta' integrazzjoni ta' ugwaljanza bejn is-sessi fil-programmi relevanti kollha iffinanzjati permezz tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) u l-Istrument Ewropew ta' Viċinat (ENI) (kontinwa).

53 http://www.oecd.org/investment/stats/37461060.pdf.
54 http://ec.europa.eu/echo/files/policies/sectoral/gender_age_marker_toolkit.pdf.

# 4. L-INTEGRAZZJONI TA' PERSPETTIVA DWAR L-UGWALJANZA BEJN IS-SESSI FL-ATTIVITAJIET U FIL-POLITIKI KOLLHA TAL-UE

Minbarra l-azzjonijiet ewlenin stipulati hawn fuq,[55] l-ugwaljanza bejn is-sessi se tkompli tiġi promossa permezz tal-integrazzjoni ta' perspettiva dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi f'kull aspett tal-intervent tal-UE (preparazzjoni, disinn, implimentazzjoni, monitoraġġ u evalwazzjoni tal-politiki, miżuri legali u programmi ta' nfiq), jiġifieri **l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi.**[56] Dan ifisser il-valutazzjoni tal-impatt tal-azzjoni tal-UE kemm fuq in-nisa kif ukoll fuq l-irġiel u t-teħid ta' responsabbiltà għal kwalunkwe riaġġustament meħtieġ, sabiex in-nisa u l-irġiel jibbenefikaw b›mod ugwali u l-inugwaljanza ma tkomplix toktor.

L-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi se titkompla permezz tal-inkorporazzjoni ta' kunsiderazzjonijiet[57] dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-valutazzjonijiet tal-impatt skont il-prinċipji ta' Regolamentazzjoni Aħjar.
Barra minn hekk, il-Grupp Interservizzi dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel (fejn id-dipartimenti tal-Kummissjoni kollha huma rappreżentati u li jiltaqgħu mill-anqas darbtejn fis-sena) se jkompli jimmonitorja u jmexxi l-integrazzjoni tal-perspettiva dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-attivitajiet politiċi, legali u ta' programmi ta' nfiq, inklużi kwistjonijiet baġitarji, fl-oqsma kollha tal-politika tal-UE u ser jikkunsidra l-ħruġ ta' **rapport dwar l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi fil-Kummissjoni** fl-2017. Ir-rapport se jkompli mal-azzjonijiet ewlenin stipulati hawn fuq billi jippreżenta aspetti settorjali, bħall-ugwaljanza bejn is-sessi fit-trasport, l-enerġija, l-edukazzjoni, is-saħħa, it-tassazzjoni, l-agrikoltura, il-kummerċ, il-politika reġjonali, l-affarijiet marittimi u l-ambjent.

55 Xi wħud minnhom jinkludu miżuri ta' integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi b'mod partikolari oqsma ta' politika (eż. impjiegi, migrazzjoni, relazzjonijiet esterni).
56 L-Artikolu 8 TFUE: 'Fl-azzjonijiet kollha tagħha l-Unjoni għandha tfittex li telimina l-inugwaljanzi, u li tinkoraġixxi l-ugwaljanza, bejn in-nisa u l-irġiel'.
57 Ara b'mod partikolari għodda 16 tas-Sett tal-Għodda għal Regolamentazzjoni Aħjar: http://ec.europa.eu/smart-regulation/guidelines/docs/br_toolbox_en.pdf.

# 5. FINANZJAMENT MILL-UE B'APPOĠĠ GĦALL-UGWALJANZA BEJN IS-SESSI

Bħalma l-azzjonijiet ewlenin u l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi huma meħtieġa, hekk ukoll hija l-allokazzjoni ta' finanzi rilevanti fil-livell tal-UE. L-ibbaġitjar għall-kwistjonijiet tas-sess[58] mhuwiex applikat b'mod sistematiku għall-baġit ġenerali tal-UE[59], imma l-programmi ta' finanzjament 2014-2020 tagħha jipprovdu mezzi għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi f'numru ta' oqsma ewlenin ta' politika; pereżempju:

- il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE), b'mod partikolari l-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, huma xpruni finanzjarji ewlenin għall-promozzjoni tal-ugwaljanza, eż. fl-**aċċess għall-impjiegi, il-progress tal-karriera, ir-rikonċiljazzjoni bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, paga ugwali għal xogħol ugwali, l-integrazzjoni ta' nisa migranti fis-suq tax-xogħol u l-investiment fil-proviżjoni ta' infrastruttura għall-indukrar tat-tfal;**
- il-Programm dwar id-Drittijiet, l-Ugwaljanza u ċ-Ċittadinanza se jikkofinanzja proġetti nazzjonali li jippromwovu **indipendenza ekonomika ugwali, li jgħelbu r-rwoli riġidi u l-isterjotipi tas-sessi, u li jqajmu l-kuxjenza dwar id-disparità fil-pensjonijiet bejn is-sessi u dwar x'jikkawżaha u l-konsegwenzi tagħha**. Ser jinvesti wkoll fil-**prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa** billi jiffinanzja proġetti li jappoġġjaw lill-vittmi tal-vjolenza, iħarrġu lill-professjonisti rilevanti, iqajmu kuxjenza dwar il-vjolenza marbuta ma' prattiki dannużi u jipprevjenuha;
- permezz tal-appoġġ għall-Infrastruttura ta' Servizzi Diġitali għal Internet aktar Sikur iffinanzjata mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, ser ikunu ffinanzjati linji telefoniċi għall-għajnuna fl-Istati Membri lill-vittmi żgħażagħ tal-**ibbuljar ċibernetiku** (li huma darbtejn aktar probabbli li jkunu bniet minn subien);
- ser ikun allokat finanzjament għall-ugwaljanza bejn is-sessi u l-emanċipazzjoni tan-nisa u l-bniet fis-seba' snin li ġejjin permezz tal-programm tematiku tal-UE Beni Pubbliċi u Sfidi Globali taħt l-Istrument ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp li jappoġġja **l-kooperazzjoni esterna tal-UE**; u
- it-tħassib dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi huwa integrat fl-Erasmus+, il-programm ta' fondi tal-UE għall-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport (2014-2020)

Sejrin jintużaw mekkaniżmi pprovduti mir-regolamenti u l-kumitati tal-programmi rilevanti sabiex jivverifikaw l-effikaċja u l-effiċjenza tal-finanzjament tal-ugwaljanza bejn is-sessi, *inter alia* billi jivvalutaw ir-rapporti tal-implimentazzjoni tal-Istati Membri fejn xieraq.

L-Anness 4 jipprovdi ħarsa ġenerali tal-finanzjament fil-livell tal-UE ta' **EUR 6.17 biljun** allokati sabiex jintlaħqu l-miri u l-għanijiet ta' dan l-impenn strateġiku.

Skont l-obbligi tagħha tat-Trattat, il-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi ser titqies fil-preparazzjoni tal-ġenerazzjoni ta' wara l-2020 tal-programmi ta' fondi tal-UE.

58 Jiġifieri valutazzjoni tal-baġits abbażi tas-sess, li tinkorpora perspettiva abbażi tas-sess fil-livelli kollha tal-proċess baġitarju u r-ristrutturar tad-dħul u tal-infiq sabiex tkun promossa l-ugwaljanza bejn is-sessi.

59 Ta' min jinnota li lanqas ma hemm baġitjar speċifiku għal politiki oħrajn li jistgħu jkunu integrati, bħall-klima u l-bijodiversità

# 6. KOOPERAZZJONI MAL-ATTURI KOLLHA

Il-kooperazzjoni mill-qrib mal-istituzzjonijiet u l-partijiet interessati attivi fil-qasam tal-ugwaljanza bejn is-sessi (l-Istati Membri, il-Parlament Ewropew, is-servizz Ewropew għall-azzjoni esterna, l-imsieħba soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, il-korpi ta' ugwaljanza, l-organizzazzjonijiet internazzjonali u l-aġenziji tal-UE) ser tissokta. Din se tieħu diversi forom, minn skambji bilaterali u multilaterali sa djalogi strutturati.

Se jkunu segwiti d-dokumenti ta' strateġija nazzjonali u żvilupp fil-qasam tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-Istati Membri u l-iskambju ta' prattika tajba fost l-Istati Membri se jkun iffaċilitat permezz tal-programm ta' tagħlim reċiproku. Il-kooperazzjoni mal-Istati Membri ser tkompli permezz tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi.

Il-Kumitat Konsultattiv dwar l-opportunitajiet ugwali għan-nisa u l-irġiel magħmul mir-rappreżentanti mill-Istati Membri, organizzazzjonijiet tal-imsieħba soċjali u s-soċjetà ċivili se jkompli jagħti parir lill-Kummissjoni dwar inizjattivi ta' politika u ta' leġiżlazzjoni. L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi se jkompli jkollu rwol importanti fl-iżvilupp u l-qsim ta' evidenza u data affidabbli sabiex jappoġġja t-tfassil ta' politika bbażata fuq l-evidenza, permezz tal-indiċi tiegħu tal-ugwaljanza bejn is-sessi.[60]

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill huma mistiedna jimpenjaw ruħhom b'mod attiv f'din il-kooperazzjoni.

# 7. MONITORAĠĠ U EVALWAZZJONI

L-implimentazzjoni tal-azzjonijiet imsemmija hawn fuq ser tkompli tkun immonitorjata regolarment. Il-progress, li jinkludi eżempji ta' prattika fl-Istati Membri, se jkun irrapportat b'mod annwali fuq il-bażi *inter alia* tal-miri u l-indikaturi fl-Annessi 1 u 2.

Soġġett għall-konklużjonijiet tar-rapport annwali tal-2017, fl-2018 jista' jsir djalogu tal-ogħla livell li jinvolvi lill-Parlament Ewropew, il-presidenzi tal-Kunsill u partijiet interessati ewlenin, bħall-imsieħba soċjali Ewropej u s-soċjetà ċivili, biex isir eżami f'nofs it-terminu, jiġu identifikati l-isfidi u jiġi diskuss il-progress.

60 http://eige.europa.eu/rdc/eige-publications/gender-equality-index-2015-measuring-gender-equality- european-union-2005-2012-report.

# Anness 1:
# Għanijiet, azzjonijiet, responsabbiltajiet u indikaturi

## 1. Żieda fil-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol u ugwaljanza fl-indipendenza ekonomika tan-nisa u l-irġiel

**Għanijiet**

- tintlaħaq il-mira tal-UE ta' 75 % tal-irġiel u n-nisa b'impjieg fl-2020 u titnaqqas id-disparità fl-impjiegi għan-nisa;
- sehem aktar ugwali bejn in-nisa u l-irġiel fil-ħin mgħoddi fl-indukrar u r-responsabbiltajiet tad-dar u possibbilitajiet imtejba għall-bilanċ fl-indukrar u r-responsabbiltajiet professjonali;
- jintlaħqu l-miri ta' Barċellona dwar l-indukrar tat-tfal u tiġi kkunsidrata riflessjoni serja mal-Istati Membri fuq modi possibbli kif isiru aktar ambizzjużi u kif jiġu estiżi biex ikopru l-indukrar ta' dipendenti oħra;
- promozzjoni tal-intraprenditorja tan-nisa u ugwaljanza bejn is-sessi fir-riċerka;
- integrazzjoni aħjar fis-suq tax-xogħol għan-nisa migranti.

| AZZJONI | RESPONSABBILTAJIET | ŻMIEN |
|---|---|---|
| Titkompla l-azzjoni biex tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol u l-ikkombinar tax-xogħol u l-ħajja tal-familja, ikkumplimentata minn inizjattiva ġdida sabiex jiġu indirizzati li tindirizza l-isfidi tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata ffaċċjati ġenituri li jaħdmu u li jindukraw:<br>- l-immodernizzar tal-qafas legali tal-UE: jiġi żgurat infurzat aħjar u fejn xieraq tiġi adottata leġiżlazzjoni fl-oqsma tal-liv u tal-flessibbiltà fl-arranġamenti tax-xogħol f'konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali, sabiex jiġi pprovdut bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u l-persuni b' responsabbiltajiet tal-indukrar;*<br>- it-tfassil ta' qafas wiesa' ta' politika li jappoġġja l-parteċipazzjoni tal-ġenituri fis-suq tax-xogħol u u u użu aktar ugwali tal-liv u tal-arranġamenti flessibbli tax-xogħol, inkluż il-konsiderazzjoni tal-possibilità ta' valutazzjoni komparattiva, użu mmirat tal-għodod finanzjarji tal-UE sabiex jappoġġjaw lill-Istati Membri u sensibilizzazzjoni;**<br>- jitkompla l-monitoraġġ u l-appoġġ għall-Istati Membri fil-kisba tal-miri ta' Barċellona dwar l-indukrar tat-tfal;*** filwaqt li jitqiesu r-ririżultati ta' riżultati ta' konsultazzjoni pubblika dwar il-bilanċ bejn bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, bejn ħajja u xogħol, tiġi kkunsidrata l-konsultazzjoni mal-Istati<br>- Membri u l-partijiet konċernati dwar kif jistgħu jagħmlu l-miri ta' Barċellona aktar ambizzjużi u jqisu approċċ aktar komprensiv li jkopri, pereżempju, l-indukrar ta' dipendenti oħra, l-aċċessibbiltà u l-kwalità;**<br>- jingħata appoġġ lill-isforzi tal-Istati Membri biex iżidu l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol; jiġu mmonitorjati mill-qrib il-miżuri ta' riforma nazzjonali taħt is-Semestru Ewropew skont il-linji gwida dwar l-impjiegi; jinħarġu rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż fejn meħtieġ;***<br>- jingħata aktar appoġġ għall-isforzi tal-kumpaniji biex iżidu l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol billi jiġu ffaċilitati l-pjattaformi tal-Karta dwar id-Diversità.**** | COM: JUST/EMPL | * 2016-2019<br>** 2016<br>*** kull sena<br>**** kontinwa |
| Tiġi evalwata d-Direttiva dwar is-Sigurtà Soċjali u jingħata segwitu għall-eżiti; jiġi abbozzat rapport ta' implimentazzjoni fuq id-Direttiva dwar Dawk li Jaħdmu għal Rashom u l-possibbiltà ta' azzjoni ta' segwitu | COM: JUST | 2016 |
| Tiġi integrata perspettiva dwar is-sessi fl-implimentazzjoni tal-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni li tindirizza l-ostakli għall-impjiegi u l-progressjoni tal-karriera ta' nisa migranti; tingħata l-għajnuna lill-Istati Membri biex jagħmlu użu sħiħ tal-FSE f'dan il-qasam | COM: AFFARIJIET INTERNI | 2016-2019 |
| Ikun hemm sensibilizazzjoni għall-promozzjoni tal-intraprenditorija tan-nisa, inkluż permezz tat-tnedija ta' pjattaforma elettronika għall-intraprendituri nisa*, il-ħolqien ta› Netwerk Ewropew ta› Business Angels* Nisa u n-Netwerk ta' Ċentri ta' Intraprendituri Web Nisa** | COM: GROW/CNECT | *2016<br>**2016-2017 |

| AZZJONI | RESPONSABBILTAJIET | ŻMIEN |
|---|---|---|
| Titħeġġeġ il-bidla istituzzjonali fl-organizzazzjonijiet ta' riċerka sabiex jitneħħew l-ostakli għall-ugwaljanza bejn is-sessi u jiġu involuti dawn l-organizzazzjonijiet sabiex jimplimentaw il-pjanijiet tal-ugwaljanza bejn is-sessi | COM: RŻT | 2016-2017 |

| INDIKATURI | XENARJU BAŻI: MEDJA TAL-UE (SENA) |
|---|---|
| Disparità fl-impjiegi bejn l-irġiel u n-nisa (20-64 sena) | 11.5 pps (2014) |
| Disparità bejn l-impjiegi tal-irġiel u n-nisa (20-64) fl-ekwivalenti full-time | 18.1 pps (2014) |
| Disparità bejn l-impjiegi part-time fost il-ġenituri | 34.8 pps (2013) |
| Ħin mgħoddi f›xogħol ta› indukrar mhux imħallas kull ġimgħa, skont is-sess[61] | Irġiel: 8.9 %<br>Nisa: 26.4 % (2010) |
| Xogħol part-time involontarju minħabba l-indukrar tat-tfal jew adulti inkapaċitati, skont is-sess[62] | Irġiel: 4.2 %<br>Nisa: 27.2 % (2014) |
| It-tfal indukrati taħt arranġamenti formali bħala proporzjon tat-tfal kollha fil-grupp tal-etajiet (0-3 snin u 3 snin sal-età tal-iskola obbligatorja | 0-3 snin:27 %<br>3 snin-età tal-iskola:82 %<br>(2013) |
| Proporzjon tal-popolazzjoni attiva (50-64 sena) li jindukraw lill-anzjani jew jew qraba bi bżonnijiet speċjali tal-anqas bosta drabi fil-ġimgħa, skont is-sess[63] | Irġiel: 10 %<br>Nisa: 17 %<br>(2011) |
| Disparità bejn is-sessi fir-rati ta' impjiegi fost iċ-ċittadini mhux tal-UE | 19.5 % (2014) |
| Disparità bejn is-sessi fir-rati ta' impjiegi fost iċ-ċittadini mhux tal-UE reċenti | 22.3 % (2014) |
| Proporzjon ta' organizzazzjonijiet li jwettqu riċerka li adottaw pjanijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi[64] | 36 % (2014) |

61 Eurofound.
62 Eurostat ('raġuni ewlenija għall-impjiegi part-time' — tqassim skont is-sess u l-età (%)' [lfsa_epgar]).
63 Eurofound.
64 figuri SHE, fuljett tal-2015, ibbażat fuq l-iStħarriġ taż-Żona Ewropea tar-Riċerka 2014 (PCountry, P17, P36) https://ec.europa.eu/research/swafs/pdf/pub_gender_equality/she_figures_2015-leaflet-web.pdf.

## 2. Tnaqqis tad-disparità bejn is-sessi fil-pagi, il-qligħ u l-pensjonijiet u b'hekk jingħeleb il-faqar fost in-nisa

**Għanijiet**

- **tkompli titnaqqas id-disparità persistenti bejn is-sessi fil-pagi, il-qligħ u l-pensjonijiet u b'hekk l-inugwaljanza bejn is-sessi fl-aċċess għar-riżorsi finanzjarji matul il-ħajja;**
- **titnaqqas b'mod sostanzjali l-inugwaljanza bejn is-sessi fis-setturi u professjonijiet ekonomiċi;**
- **jiżdiedu s-sigħat tax-xogħol globali tan-nisa; tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva tal-leġiżlazzjoni dwar il-pagi ugwali;**
- **jiġu eliminati l-ostakli għall-aċċess għas-suq tax-xogħol ta' gruppi vulnerabbli, bħan-nisa migranti u ġenituri weħidhom;**
- **jiġu indirizzati l-kawżi u l-konsegwenzi tad-disparità bejn is-sessi fil-pensjonijiet.**

| AZZJONI | RESPONSABILITAJIET | ŻMIEN |
|---|---|---|
| Jittejbu aktar l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-prinċipju dwar il-pagi ugwali permezz tat-twettiq ta' valutazzjoni tad-Direttiva 2006/54/KE[65] u jiġu kkunsidrati *inter alia*:<br>- it-tisħiħ tat-trasparenza fil-paga abbażi tar-rapport li għandu jitfassal dwar il-miżuri tal-Istati Membri sabiex jimplimentaw ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni[66];<br>- l-effetti tal-ġurisprudenza reċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea rigward l-użu tas-sess bħala fattur attwarju li jinfluwenza l-pensjonijiet statutorji u kuntratti ta' assigurazzjoni privata fis-settur tal-pensjonijiet tax-xogħol bl-effett potenzjali li jipprevjeni pensjonijiet aktar baxxi għan-nisa abbażi tal-istennija tal-għomor aktar għolja tagħhom;<br>- sanzjonijiet biex jissaħħaħ l-effett deterrenti tal-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni fil-pagi; u<br>- il-funzjonament effiċjenti u effikaċi tal-korpi tal-ugwaljanza sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-ġustizzja għal vittmi tad-diskriminazzjoni. | COM: JUST | 2016-2017 |
| Ikompli l-appoġġ għall-isforzi ta' Stati Membri sabiex jiżguraw pagi ugwali u jindirizzaw il-kawżi ewlenin tad-il-kawżi bażi għad-disparità bejn is-sessi fil-pagi, il-qligħ u l-pensjonijiet; l-użu tas-Semestru Ewropew (kull sena) | COM: EMPL/JUST | kull sena |
| Ikompli jitfakkar il-Jum Ewropew għall-Paga Ugwali b'attivitajiet ta' informazzjoni madwar l-Ewropa sabiex jintlaħqu l-Istati Membri, iqajmu l-kuxjenza tar-rabta bejn l-intitolamenti għall-paga, il-qligħ u l-pensjoni fix-xjuħija | COM: JUST/COMM | kull sena |
| Kooperazzjoni mal-korpi ta' ugwaljanza u appoġġ lill-kumpaniji fl-isforzi tagħhom sabiex jiżguraw paga ugwali bil-faċilitazzjoni ta' pjattaformi tal-Karta dwar id-Diversità | COM: JUST | kontinwa |

65 Direttiva 2006/54/KE dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u professjonijiet (riformulazzjoni).
66 C(2014) 1405 finali

| AZZJONI | RESPONSABILITAJIET | ŻMIEN |
|---|---|---|
| L-ikkunsidrar tal-introduzzjoni ta' aktar miżuri sabiex jitjieb il-bilanċ bejn is-sessi fis-setturi u impjiegi ekonomiċi; l-użu tal-Gran Koalizzjoni għall-Impjiegi Diġitali sabiex jiġu appoġġjati miżuri li jtejbu l-ħiliet diġitali tan-nisa u l-bniet u promossi l-impjiegi tan-nisa fis-settur tal-ICT* u titqajjem kuxjenza dwar l-għażliet ta' taħriġ edukattiv u vokazzjonali** | COM: CNECT/EAC/EMPL / RTD/JUST/MOVE | *2016-2017 **2018-2019 |
| Tiġi promossa l-ugwaljanza bejn is-sessi f'kull livell u tip ta' edukazzjoni, inkluż b'konnessjoni ma' għażliet u karrieri ta' suġġetti ta' studju bbażati fuq is-sess, bl-użu ta' għodod ta' politika ta' kooperazzjoni u strumenti ta' finanzjament eżistenti kif xieraq, skont il-prijoritajiet stabbiliti fil-qafas "Edukazzjoni u Taħriġ 2020" | COM: EAC/EMPL | 2016-2019 |
| Ikompli l-iżvilupp ta' sett komprensiv ta' miżuri67 biex jindirizza l-firxa sħiħa ta' kawżi tad-disparità bejn is-sessi fil-pensjonijiet f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, li jinkludi l-indikatur għall-kejl u l-monitoraġġ tagħha u miżuri biex inaqqsu l-fatturi abbażi tas-sess, eż. fir-rigward tal-indukrar | COM: EMPL/JUST | 2016-2017 |

67 Abbażi tal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-EPSCO ta' Ġunju 2015

| INDIKATURI | MEDJA TAL-UE (SENA) |
|---|---|
| Differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa | 16.5 % (2013) |
| Disparità bejn is-sessi fil-qligħ globali | 41.1 % (2012) |
| Segregazzjoni abbażi tas-sess fis-setturi u l-professjonijiet ekonomiċi[68] | Setturi: 18.9 %<br>Professjonijiet: 26.9 %<br>(2014) |
| Disparità bejn is-sessi fil-pensjonijiet | 40.2 % (2012)[69] |
| Disparità fil-Kopertura tas-Sessi fil-pensjonijiet | 6.8% (2012)[70] |
| Il-faqar fost in-nisa u l-irġiel li jaħdmu | Irġiel: 9.3 %<br>Nisa: 8.4 %<br>(2014) |
| Ir-rata tar-riskju tal-faqar u esklużjoni soċjali fix-xjuħija (65+) | Irġiel: 11.4 %<br>Nisa: 15.6 %<br>(2014) |
| Unitajiet domestiċi b'ġenitur wieħed fir-riskju ta' faqar u tal-esklużjoni soċjali | 49.9 % (2013) |

68 Inkluża analiżi tal-perċentwali ta' nisa li jaħdmu f'diversi setturi
69 Għal pensjonanti fl-età ta' bejn il-65 u d-79 sena, Sors: Rapport tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali u l-Kummissjoni dwar l-Adegwatezza tal-Pensjonijiet (2015)
70 Għall-persuni fl-età ta' bejn il-65 u d-79 sena, Sors: Rapport tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali u l-Kummissjoni dwar l-Adegwatezza tal-Pensjonijiet (2015)

## 3. Promozzjoni tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fit-teħid tad-deċiżjonijiet

**Għanijiet**

- **jitkomplew l-isforzi għat-titjib tal-bilanċ bejn is-sessi f'pożizzjonijiet ta' tmexxija ekonomika, b'mod partikolari fost id-diretturi mhux eżekuttivi tal-kumpaniji elenkati fil-Borża (tal-anqas 40 % tas-sess l-inqas irrapreżentat);**
- **jitjieb il-bilanċ bejn is-sessi fost id-diretturi eżekuttivi ta' kumpaniji maġġuri elenkati u fost it-talenti li għadhom ġejjin;**
- **jitjieb il-ġbir tad-data u l-bilanċ bejn is-sessi f'pożizzjonijiet ta' teħid tad-deċiżjonijiet f'organizzazzjonijiet ta' riċerka;**
- **jitjieb il-bilanċ bejn is-sessi fit-teħid tad-deċiżjonijiet politiċi u fil-ħajja pubblika, inkluż l-isports;**
- **tintlaħaq il-mira ta' 40 % ta' nisa fil-maniġment ta' grad għoli u medju fil-Kummissjoni sat-tmiem tal-2019.**

| AZZJONI | RESPONSABBILTAJIET | ŻMIEN |
|---|---|---|
| Ikompli jingħata l-appoġġ għall-adozzjoni tal-proposta tal-2012 għal Direttiva dwar it-titjib fil-bilanċ bejn is-sessi fost id-diretturi mhux eżekuttivi tal-kumpaniji elenkati fil-Borża sal-2016[71] tiġi mmonitorjata mill-qrib it-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tagħha; jiġu appoġġjati inizjattivi fil-mira oħrajn sabiex jitjieb il-bilanċ bejn is-sessi fit-teħid tad-deċiżjonijiet, inkluża gwida għall-Istati Membri | COM: JUST | kontinwa |
| Ikomplu l-ġbir u t-tixrid tad-data dwar ir-rappreżentanza tan-nisa u l-irġiel f'pożizzjonijiet għolja ta' teħid ta' deċiżjonijiet, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-EIGE | COM: JUST EIGE | kontinwa |
| Jiġu kkunsidrati miżuri sabiex jitjieb il-bilanċ bejn is-sessi fit-teħid tad-deċiżjonijiet politiċi u jissuktaw l-inkoraġġiment tal-Istati Membri u l-appoġġ lill-awtoritajiet nazzjonali fl-attivitajiet tagħhom dwar il-promozzjoni tal-bilanċ bejn is-sessi f'pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet politiċi u pubbliċi | COM: JUST | 2018 |
| Tingħata gwida lill-Istati Membri dwar approċċ komuni lejn l-implimentazzjoni ta' miri kwantitattivi għal pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet fir-riċerka | COM: RŻT | 2016 |
| Tintlaħaq il-mira ta' 40 % ta' nisa fil-maniġment ta' grad għoli u medju fil-Kummissjoni sat-tmiem tal-mandat tagħha | COM: HR | kontinwa |

71 Ara l-Programm ta' Ħidma 2016 tal-Kummissjoni

| INDIKATURI | MEDJA TAL-UE (SENA) |
|---|---|
| Proporzjon ta' nisa fost il-membri tal-ogħla korp tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-akbar kumpaniji nazzjonali rreġistrati elenkati fil-Borża nazzjonali | 21.2 % (April 2015) |
| Proporzjon ta' nisa fost il-presidenti u CEOs tal-akbar kumpaniji nazzjonali rreġistrati elenkati fil-Borża nazzjonali | Presidenti: 7.1 %<br>CEOs: 3.6 %<br>(April 2015) |
| Proporzjon ta' nisa fost il-membri eżekuttivi u mhux eżekuttivi tal-ogħla żewġ korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-akbar kumpaniji nazzjonali rreġistrati elenkati fil-Borża nazzjonali | Diretturi mhux eżekuttivi: 22.5 % Eżekuttivi għolja:<br>13.7 % (April 2015) |
| Proporzjon ta' kapijiet nisa ta' istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla[72] | 15.5 % (2010) |
| Proporzjon ta' nisa fil-kmamar waħdiena/inferjuri tad-deputati ta' parlamenti nazzjonali/federali u fil-Parlament Ewropew | 29 % (Mejju 2015)<br>PE: 37 % |
| Proporzjon ta' nisa fost il-membri ta' gvernijiet nazzjonali/federali u l-Kummissjoni Ewropea | 27 % (Mejju 2015)<br>KE: 32 % |
| Proporzjon ta' nisa fil-maniġment ta' grad għoli/medju tal-Kummissjoni[73] | 28 %/32 %<br>(Frar 2015) |

72 Ċifri tas-SHE għall-2012.
73 DG HR.

## 4. Il-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tas-sess u l-ħarsien u l-appoġġ tal-vittmi tagħha

**Għanijiet**

- **il-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tas-sess; u l-ħarsien u l-appoġġ lill-vittmi tagħha;**
- **it-titjib tad-disponibbilità, tal-kwalità u tal-affidabbiltà tad-data;**
- **is-sensibilizzazzjoni, il-promozzjoni tal-bidla fl-attitudni u t-trawwim tal-prevenzjoni;**
- **it-titjib tal-appoġġ lill-vittmi u tal-aċċess għall-ġustizzja;**
- **l-eliminazzjoni tal-MĠF.**

| AZZJONI | RESPONSABBILTAJIET | ŻMIEN |
|---|---|---|
| Adeżjoni tal-UE fil-konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika (Konvenzjoni ta' Istanbul), safejn jaslu l-kompetenzi tal-UE u b'kunsiderazzjoni tal-impatt legali ta' adeżjoni; l-implimentazzjoni sussegwenti tad-dispożizzjonijiet tagħha; ikompli jitħeġġeġ il-progress tal-Istati Membri fuq ir-ratifika | COM: JUST | 2016 |
| Ikompli l-infurzar tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi u l-liġijiet dwar l-ordnijiet Ewropej ta' protezzjoni, b'mod partikolari biex jiġi żgurat l-aċċess għall-ħarsien u l-appoġġ għal dawk esposti għall-vjolenza abbażi tas-sess | COM: JUST | kontinwa |
| Jittejbu aktar id-disponibbiltà, il-kwalità u l-affidabbiltà tad-data dwar il-vjolenza abbażi tas-sess permezz ta' kooperazzjoni mal-Eurostat, l-EIGE u l-FRA; tkompli wkoll tinġabar data komparabbli dwar il-vjolenza abbażi tas-sess fl-isport permezz ta' studju speċifiku* | COM:<br>JUST/Eurostat EIGE<br>FRA<br>*EAC | kontinwa<br>* 2016 |
| Ikomplu l-azzjonijiet iffukati biex iwaqqfu kull forma ta' vjolenza abbażi tas-sess u jqajmu l-kuxjenza | COM: JUST | 2017 |
| Tkompli l-promozzjoni ta' bidliet fl-attitudni u fl-imġieba permezz ta' attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni, inklużi attivitajiet xierqa biex ifakkru l-Jum Internazzjonali ta' Tolleranza Żero għall-Mutilazzjoni Ġenitali Femminili (6 ta' Frar) u l-Jum Internazzjonali għall-Eliminazzjoni tal-Vjolenza kontra n-Nisa (25 ta' Novembru) | COM: JUST | kull sena |

| AZZJONI | RESPONSABBILTAJIET | ŻMIEN |
|---|---|---|
| Tkompli l-implimentazzjoni ta' miżuri stipulati fil-Kommunikazzjoni *Lejn l-eliminazzjoni tal-MĠF* u jintużaw l-istrumenti xierqa biex tinqered l-MĠF; tintuża din l-esperjenza biex jiġu indirizzati prattiki dannużi oħrajn; u tiġi żviluppata pjattaforma elettronika ta' għarfien dwar l-MĠF għall-professjonisti rilevanti | COM: JUST | 2016-2017 |
| Jittieħdu l-passi meħtieġa biex jingħata segwitu għar-rapport li jivvaluta l-konformità tal-Istati Membri mad-Direttiva Kontra t-Traffikar* u jiġi żgurat li d-dimensjoni tas-sessi fit-traffikar tal-bnedmin tkun indirizzata** | COM: HOME/JUST | *2016<br>**kontinwa |

| Indikaturi | Medja tal-UE (sena) |
|---|---|
| Proporzjon ta' nisa li esperjenzaw vjolenza fiżika u/jew sesswali | 33 %<br>(Marzu 2014) |
| Proporzjon ta' nisa li esperjenzaw vjolenza fiżika u/jew sesswali minn sieħeb | 22 %<br>(Marzu 2014) |
| Proporzjon ta' nisa li esperjenzaw vjolenza psikoloġika minn sieħeb | 43 %<br>(Marzu 2014) |
| Proporzjon ta' nisa li kienu fastidjati sesswalment | 55 %<br>(Marzu 2014) |

## 5. Il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u d-drittijiet tan-nisa madwar id-dinja

**Għanijiet**

- **il-promozzjoni, il-ħarsien u t-twettiq tad-drittijiet kollha tal-bniedem; l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-obbligi u l-impenji lejn id-drittijiet tan-nisa fil-fora internazzjonali kollha, b'mod partikolari l-Konvenzjoni tan-NU dwar l-eliminazzjoni ta' kull forma ta' diskriminazzjoni kontra n-nisa, il-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u l-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp;**
- **ikun żgurat li d-drittijiet tan-nisa u l-bniet, l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-emanċipazzjoni tan-nisa u l-bniet ikunu element essenzjali fil-mezzi ta' implimentazzjoni finanzjarji u mhux finanzjarji, u fil-mekkaniżmi ta' reviżjoni, monitoraġġ u responsabbiltà tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli;**
- **jiġi żgurat li l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-adozzjoni tal-acquis tal-UE dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi jkunu vvalutati fil-proċess ta' adeżjoni.**

| AZZJONIJIET | RESPONSABBILTAJIET | ŻMIEN |
|---|---|---|
| F'kooperazzjoni mas-SEAE u l-Istati Membri, jiġi implimentat il-pjan ta' azzjoni stipulat fid-dokument ta' ħidma konġunta *Ugwaljanza bejn is-sessi u l-emanċipazzjoni u t-tħeġġiġ tan-nisa: it-trasformazzjoni tal-ħajjiet ta' bniet u nisa permezz tar-relazzjonijiet esterni tal-UE 2016-2020*[74]; skont dan il-qafas ġdid, isir impenn biex: | COM: DEVCO/ECHO/ NEAR/FPI SEAE | 2016-2019 |
| - flimkien mas-SEAE u f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, tiġi appoġġjata l-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u d-drittijet tan-nisa fl-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-implimentazzjoni tal-Pjattaforma ta' Beijing; | COM: DEVCO SEAE | kontinwa |
| - flimkien mas-SEAE u l-Istati Membri, ikunu promossi u mħarsa d-drittijiet tal-bniet u n-nisa permezz tal-pjan ta' azzjoni tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija, l-approċċ komprensiv għall-implimentazzjoni mill-UE tar-Riżoluzzjonijiet 1325 u 1820 tal-KSNU u l-linji gwida tal-UE dwar il-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet; | COM: DEVCO/ECHO SEAE | kontinwa |

74 SWD (2015) 182 finali, 21.9.2015; approvat mill-Kunsill fis-26 ta' Ottubru 2015

| AZZJONIJIET | RESPONSABBILTAJIET | ŻMIEN |
|---|---|---|
| - ikompli l-finanzjament u l-monitoraġġ tal-azzjoni li tippromwovi l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-kooperazzjoni ta' żvilupp u tal-viċinat u fl-għajnuna umanitarja, inkluż permezz tal-użu sistematiku tal-għodda tal-OECD li tikkunsidra l-integrazzjoni tas-sessi fil-kooperazzjoni ta' żvilupp u l-għodda li tikkunsidra l-integrazzjoni tal-ġeneru u l-età jiġi vvalutat jekk il-bżonnijiet u l-vulnerabbiltajiet tal-irġiel u n-nisa ta' kull età ġewx identifikati u indirizzati fl-azzjonijiet umanitarji kollha ffinanzjati mill-UE; | COM: DEVCO/ECHO | kontinwa |
| - ikompli l-monitoraġġ mill-qrib u l-appoġġ tal-konformità ta' pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali mal-kriterji ta' Copenhagen għas-sħubija fl-UE f'dak li jirrigwarda d-drittijiet tal-bniedem inkluża l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel; ikomplu l-isforzi sabiex tiġi integrata perspettiva ta' integrazzjoni ta' ugwaljanza bejn is-sessi fil-programmi rilevanti kollha ffinanzjati permezz tal-Istrument ta' Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) u l-Istrument Ewropew ta' Viċinat (ENI). | COM: NEAR | kontinwa |

| Indikaturi (cf. għan 5 tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli tan-NU) |
|---|
| Tintemm kull xorta ta' diskriminazzjoni kontra n-nisa u l-bniet kullimkien |
| Tiġi eliminata kull forma ta' vjolenza kontra n-nisa u l-bniet kollha fl-isferi pubbliċi u privati, inkluż it-traffikar u l-isfruttament sesswali u tipi oħra ta' sfruttament |
| Jiġu eliminati l-prattiki dannużi kollha, bħaż-żwieġ tat-tfal, iż-żwieġ prekoċi u dak sfurzat u l-mutilazzjoni ġenitali femminili |
| Jiġi rikonoxxut u jingħata valur lix-xogħol ta' indukrar u x-xogħol domestiku mhux imħallas permezz tal-forniment ta' servizzi pubbliċi, infrastruttura u politiki ta' protezzjoni soċjali u l-promozzjoni ta' responsabbiltà maqsuma fi ħdan l-unità domestika u l-familja kif xieraq fil-livell nazzjonali |
| Tiġi żgurata l-parteċipazzjoni sħiħa u effettiva u jingħataw opportunitajiet ugwali għat-tmexxija fil-livelli kollha tat-teħid tad-deċiżjonijiet fil-ħajja politika, ekonomika u pubblika |
| Ikun żgurat aċċess universali għad-drittijiet tas-saħħa sesswali u riproduttiva, kif miftiehem skont il-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u d-dokumenti ta' eżitu tal-konferenzi ta' reviżjoni tagħhom |
| - Jitwettqu riformi li jagħtu drittijiet ugwali lin-nisa għar-riżorsi ekonomiċi, kif ukoll aċċess għas-sjieda u kontroll fuq l-art u forom oħra ta' proprjetà, servizzi finanzjarji, wirt u riżorsi naturali, skont il-liġijiet nazzjonali<br>- Jittejjeb l-użu ta' teknoloġija abilitanti, b'mod partikolari t-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-kommunikazzjoni, sabiex tkun promossa l-emanċipazzjoni tan-nisa<br>- Jiġu adottati u msaħħa politiki sodi u leġiżlazzjoni infurzabbli għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-emanċipazzjoni tan-nisa u l-bniet kollha fil-livelli kollha |

## 6. Integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi, finanzjar għall-ugwaljanza bejn is-sessi u kooperazzjoni mal-atturi kollha

**Għanijiet**

- **tkompli tiġi integrata perspettiva ta' ugwaljanza bejn is-sessi f'kull aspett tal-intervent tal-UE (integrazzjoni effettiva ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi);**
- **ikompli jiġi żgurat finanzjament mill-UE effettiv u effikaċi għall-ugwaljanza bejn is-sessi;**
- **kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet interessati kollha attivi fil-qasam tal-ugwaljanza bejn is-sessi.**

| AZZJONIJIET | RESPONSABBILTAJIET | ŻMIEN |
|---|---|---|
| Tkompli tingħata gwida u tiġi żgurata l-kooperazzjoni mill-qrib bejn is-servizzi tal-Kummissjoni dwar kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi permezz tal-Grupp Interservizzi dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel | COM: JUST/DĠ kollha | kontinwa |
| Jiġi kkunsidrat il-ħruġ ta' rapport dwar l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi fil-Kummissjoni | COM: JUST/DĠ kollha | 2017 |
| Ikompli jingħata finanzjament għall-ugwaljanza bejn is-sesessisessi permezz tal-sessi ta' fondi rilevanti tal-UE | COM:finanzjament DĠ | 2017-2019 |
| Tiġi kkunsidrata l-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi fil-fil-preparazzjonijiet tal-programmi ta' fondi tal-ġenerazzjoni ta' wara l-2020 tal-UE | COM:finanzjament DĠ | 2017-2019 |
| Ikunu segwiti d-dokumenti ta' strateġija nazzjonali u żviluppi fil-qasam tal-ugwaljanza bejn is-sessi | COM: JUST | 2017 |
| Ikomplu jkunu ffaċilitati l-iskambji ta' prattika tajba fost l-Istati Membri permezz ta' programm reċiproku ta' tagħlim | COM:JUST | tliet darbiet f'sena |
| Jiġu organizzati laqgħat regolari tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi u tal-Kumitat Konsultattiv dwar opportunitajiet ugwali għan-nisa u l-irġiel | COM: JUST | darbtejn f'sena |
| Ikompli jinħareġ Rapport dwar il-progress fl-ugwaljanza bejn is-sessi fl-UE | COM: JUST | kull sena |
| Jitħejja rapport intern dwar l-implimentazzjoni tal-azzjoni | COM: JUST/DĠ kollha | kull sena |

| Indikaturi |
| --- |
| Ippubblikat rapport dwar l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi |
| Regolamenti ta' programmi ta' finanzjament futuri rilevanti |
| Analiżi ta' dokumenti strateġiċi nazzjonali mwettqa |
| Numru ta' skambji ta' prattika tajba |
| Numru ta' laqgħat organizzati |
| Rapporti dwar il-progress ippubblikati |
| Rapporti dwar l-implimentazzjoni mħejjija |

# Anness 2:
# Miri magħżula

## 1. Miri fil-livell tal-UE

L-Impenn strateġiku għall-ugwaljanza bejn is-sessi 2016-2019 se jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-miri eżistenti li ġejjin:

| MIRI | SORS |
|---|---|
| 0 % disparità bejn l-impjiegi tal-irġiel u n-nisa (20-64 sena) | Strateġija tal-UE2020: mira ta' 75 % impjiegi kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel |
| Il-provvediment ta' indukrar għat-tfal għal 33 % tat-tfal taħt it-3 snin u 90 % tat-tfal bejn it-3 snin u l-età obbligatorja tal-iskola | Għanijiet stabbiliti mill-Kunsill Ewropew ta' Barċellona 2002 u kkonfermati mill-ġdid mill-Patt Ewropew 2011-2020 għall-ugwaljanza bejn is-sessi[75] |
| 40 % tas-sess l-inqas irrapreżentat f'pożizzjonijiet ta' membri tal-bord mhux eżekuttivi f'kumpanniji pubbliċi elenkati (ħlief SMEs) | Proposta ta' Novembru 2012 għal Direttiva dwar it-titjib tal-bilanċ bejn is-sessi fost diretturi mhux eżekuttivi ta' kumpaniji elenkati f'borża u miżuri relatati |

75 https://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_data/docs/pressdata/en/lsa/119628.pdf.

## 2. Miri miftiehma fuq livell internazzjonali

Bejn il-25 u s-27 ta' Settembru 2015, l-Istati Membri tan-NU adottaw aġenda ġdida ambizzjuża għal wara l-2015[76] li tfittex li telimina l-faqar sal-2030 u tippromwovi prosperità ekonomika maqsuma, żvilupp soċjali u ħarsien ambjentali għall-pajjiżi kollha. Hija bbażata fuq 17-il għan, inkluż għan awtonomu dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-emanċipazzjoni tan-nisa u l-bniet, b'miri u indikaturi speċifiċi, u miri sensittivi għall-kwistjonijiet relatati mas-sessi f'oqsma oħra.

Peress li l-aġenda kienet innegozjata bejn il-membri kollha tan-NU, inklużi l-UE u l-Istati Membri tagħha, u tapplika għal kulħadd għall-15-il sena li ġejjin, dan l-impenn strateġiku se jikkontribwixxi sabiex jilħaq il-miri sensittivi tiegħu għall-kwistjonijiet relatati mas-sessi, b'mod partikolari l-miri li ġejjin taħt l-għan 5:

5.1 Tintemm kull xorta ta' diskriminazzjoni kontra n-nisa u l-bniet kullimkien;

5.2 Tiġi eliminata kull forma ta' vjolenza kontra n-nisa u l-bniet kollha fl-isferi pubbliċi u privati, inkluż it-traffikar u l-isfruttament sesswali u tipi oħra ta' sfruttament;

5.3 Jiġu eliminati l-prattiki dannużi kollha, bħaż-żwieġ tat-tfal, iż-żwieġ prekoċi u dak sfurzat u l-mutilazzjoni ġenitali femminili

5.4 Jiġi rikonoxxut u jingħata valur lix-xogħol ta' indukrar u x-xogħol domestiku mhux imħallas permezz tal-forniment ta' servizzi pubbliċi, infrastruttura u politiki ta' protezzjoni soċjali u l-promozzjoni ta' responsabbiltà maqsuma fi ħdan l-unità domestika u l-familja kif xieraq fil-livell nazzjonali;

5.5 Tiġi żgurata l-parteċipazzjoni sħiħa u effettiva u jingħataw opportunitajiet ugwali għat-tmexxija fil-livelli kollha tat-teħid tad-deċiżjonijiet fil-ħajja politika, ekonomika u pubblika;

5.6 Ikun żgurat aċċess universali għad-drittijiet tas-saħħa sesswali u riproduttiva, kif miftiehem skont il-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u d-dokumenti ta' eżitu tal-konferenzi ta' reviżjoni tagħhom;

5.a Jitwettqu riformi li jagħtu drittijiet ugwali lin-nisa għar-riżorsi ekonomiċi, kif ukoll aċċess għas-sjieda u kontroll fuq l-art u forom oħra ta' proprjetà, servizzi finanzjarji, wirt u riżorsi naturali, skont il-liġijiet nazzjonali;

5.b Jittejjeb l-użu ta' teknoloġija abilitanti, b'mod partikolari t-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-kommunikazzjoni, sabiex tkun promossa l-emanċipazzjoni tan-nisa;

5.c Jiġu adottati u msaħħa politiki sodi u leġiżlazzjoni infurzabbli għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-emanċipazzjoni tan-nisa u l-bniet kollha fil-livelli kollha.

76 https://sustainabledevelopment.un.org/post2015/transformingourworld.

# Anness 3:
# L-integrazzjoni ta' perspettiva dwar l-ugwaljanza fil-prattiki u l-politiki tar-riżorsi umani kollha fil-Kummissjoni Ewropea

Il-kunċett tad-diversità jagħraf il-varjetà wiesgħa ta' kwalitajiet fost il-persunal f'termini ta' ħiliet, kompetenzi, attributi, personalità u għarfien fil-Kummissjoni wkoll. Għaldaqstant, il-ġestjoni tad-diversità se tkun strateġika għall-istituzzjoni u sejra tgawdi minn appoġġ politiku qawwi. F'dan il-kuntest, se jkun hemm attenzjoni partikolari fuq ir-responsabbiltà tal-maniġment superjuri biex jiżgura r-riżultati f'dan il-livell.

Tliet oqsma ta' prijorità sejrin ikunu kkunsidrati:

- ambjent tax-xogħol inklussiv u li jwassal għar-riżultati fejn jibbenefika l-persunal kollu;
- kisba tal-mira ta' 40 % ta' nisa fil-maniġment ta' grad għoli u medju sa tmiem il-mandat; u
- il-kisba ta' eċċellenza fl-attirazzjoni u ż-żamma ta' persunal b'diżabilità.

L-ambjent tax-xogħol fil-Kummissjoni jeħtieġ li jkun orjentat lejn ir-riżultati, biex il-persunal ikun liberu li jorganizza x-xogħol tiegħu b'mod awtonomu u jimmaniġġja r-relazzjoni bejn xogħol u attivitajiet oħra (bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata). Jista' jkun hemm diversi inizjattivi ta' komunikazzjoni u qafas ta' tagħlim u żvilupp biex jagħtu spinta u jsostnu l-bidla lejn post tax-xogħol ġenwinament inklussiv.

# Anness 4:
# Programmi ta' fondi tal-UE 2014-2020 li jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-miri u l-għanijiet ta' dan l-impenn strateġiku

Numru ta' programmi ta' fondi tal-UE fl-2014-2020 jippermettu l-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi; dawn jinkludu:

- il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej;
- il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni;
- il-Programm għad-Drittijiet, l-Ugwaljanza u ċ-Ċittadinanza;
- Orizzont 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni;
- Erasmus + (programm tal-UE għall-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport);
- il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (programm tal-UE għall-ko-finanzjament tal-proġetti tan-netwerk trans-Ewropej);
- l-Istrument ta' Finanzjament tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp;
- l-Istrument Ewropew ta' Viċinat;
- l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem; u
- il-Programm għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali.

**Il-finanzjament indikattiv** għall-ugwaljanza bejn is-sessi jista' jiġi pprovdut għal programmi li jinkludu għan fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi u li jużaw indikaturi ta' ugwaljanza bejn is-sessi li jippermettu l-ispeċifikazzjoni ta' ammonti allokati.

## Il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE)

Il-FSIE 2014-2020, b'mod partikolari l-Fond Soċjali Ewropew (FSE) u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), huma xpruni finanzjarji ewlenin għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel. Abbażi tal-programmi operattivi maqbula bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, huwa stmat li bejn wieħed u ieħor se jintefqu **EUR 5.85 biljun** fl-2014-2020 fuq miżuri li jippromwovu l-ugwaljanza bejn is-sessi.

Bejn wieħed u ieħor **EUR 4.6 biljun** fin-nefqa tal-FSE fl-2014-2020 huma programmati għall-ugwaljanza bejn is-sessi, li minnhom EUR 1.6 biljun taħt il-prijorità tal-investiment 'l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-oqsma kollha, inkluż l-aċċess għall-impjiegi, il-progress tal-karriera, ir-rikonċiljazzjoni bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u l-promozzjoni ta' paga ugwali għal xogħol ugwali' magħżula minn 12-il Stat Membru[77].

77 AT, CZ, DE, ES, FI, GR, HU, IT, PL, PT, SK u UK.

Bejn wieħed u ieħor **EUR 1.25 biljun** mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali huma programmati għall-investiment fl-infrastruttura għall-indukrar tat-tfal.

## Il-Programm għad-Drittijiet, l-Ugwaljanza u ċ-Ċittadinanza

Madwar **EUR 440 miljun** huma allokati għall-Programm dwar id-Drittijiet u ċ-Ċittadinanza (REC), li għandu disa' għanijiet speċifiċi, inkluż wieħed għall-ugwaljanza bejn is-sessi u ieħor għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa, it-tfal u ż-żgħażagħ u l-ħarsien tal-vittmi u l-gruppi f'riskju. Attwalment dawn iż-żewġ għanijiet jammontaw għal madwar **35 % ta-fondi tar-REC**.

## L-Istrument ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp

Fost ħafna azzjonijiet fil-mira, **EUR 100 miljun** sejrin ikunu impenjati għat-titjib tal-ħajjiet tal-bniet u n-nisa permezz tal-**programm tematiku speċifiku 2014-2020 tal-UE Beni Pubbliċi u Sfidi Globali** Minn dawn, EUR 70 miljun huma allokati għal-linja baġitarja 'ġeneru, emanċipazzjoni tan-nisa u drittijiet tal-bniet' u EUR 30 miljun għal-linja 'benesseri tat-tfal', li jinkludu EUR 18-il miljun biex jindirizzaw prattiki dannużi bħall-MĠF u ż-żwieġ tat-tfal.

Barra minn hekk, l-ugwaljanza bejn is-sessi sejra tkun integrata fil-programmi ġeografiċi bilaterali u reġjonali. Fost dawn hemm il-programm DCI-Asja Amerika Latina li se jiddedika EUR 16 sa 18-il miljun għal azzjonijiet speċifiċi dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-Faċilità għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi ta' EUR 2 miljun fl-Albanija.

## Orizzont 2020

L-ugwaljanza bejn is-sessi hija promossa fi tliet modi taħt Orizzont 2020:

- bilanċ bejn is-sessi fil-gruppi konsultattivi (mira ta' 50 %) u fil-bordijiet tal-evalwazzjoni (40 %)
- se tkun ippubblikata data fir-rapporti tal-monitoraġġ Orizzont 2020;
- il-benefiċjarji ta' għotjiet huma mħeġġa biex jimmiraw lejn bilanċ bejn is-sessi u opportunitajiet ugwali għat-timijiet ta' riċerka involuti fil-proġetti; u
- id-dimensjoni tas-sessi fil-kontenut tar-riċerka (jiġifieri jitqiesu l-karatteristiċi bijoloġiċi u l-fatturi soċjali/kulturali tan-nisa u l-irġiel).

Barra minn hekk, fi ħdan il-programm ta' ħidma 2014-2017 'ix-xjenza ma' u għas-soċjetà', se jkun allokat baġit ta' madwar **EUR 43 miljun** għal **proġetti li jippromwovu l-għarfien u l-implimentazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi fis-sistema tar-riċerka u fl-organizzazzjonijiet ta' riċerka**

# Anness 5:
# Pjanijiet nazzjonali ta' azzjoni/strateġiji għall-ugwaljanza bejn is-sessi (Settembru 2015)

L-adozzjoni min-numru dejjem jikber ta' Stati Membri ta' strateġiji jew pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali (PNA) li jindirizzaw l-ugwaljanza bejn is-sessi f'qafas koerenti u kkoordinat huwa żvilupp pożittiv. Barra minn hekk, bosta Stati Membri adottaw pjanijiet tematiċi ta' azzjoni li jindirizzaw sfidi partikolari, bħall-vjolenza abbażi tas-sess. L-implimentazzjoni attwali tal-politiki ta' ugwaljanza bejn is-sessi hija irregolari fost l-Istati Membri u l-oqsma ta' politika, minħabba l-varjazzjoni fil-kundizzjonijiet soċjo-ekonomiċi, kulturali u istituzzjonali. It-tfassil u l-implimentazzjoni ta' strateġiji nazzjonali u pjanijiet ta' azzjoni ġew influwenzati mill-oqfsa Ewropej preċedenti għall-ugwaljanza bejn is-sessi, li l-Istati Membri jaraw bħala forza qawwija għall-iżviluppi nazzjonali.[78]

| | Dokumenti adottati | Status* |
|---|---|---|
| **L-Awstrija** | PNA għall-ugwaljanza tan-nisa u l-irġiel fis-suq tax-xogħol | AG[79] |
| | PNA biex tingħeleb il-vjolenza kontra n-nisa (2014) | AG |
| | Ir-raba PNA dwar il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin (2015-2017) | AG |
| | PNA rivedut dwar l-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni 1325 tal-KSNU (PNA rivedut mill-2012) | AG |
| | PNA dwar is-Saħħa tan-Nisa | D |
| **Il-Belġju** | Ir-raba' PNA biex tingħeleb il-vjolenza bejn l-imsieħba u forom oħra ta' vjolenza fil-familja (2010-2014)[80] | AG |
| | PNA dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tas-sess (2015-2019) | |
| | Pjan ta' azzjoni federali għall-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi (2015-2019) | AG |
| | It-tieni PNA dwar 'in-nisa, il-paċi u s-sigurtà' (2013-2016) li jimplimenta r-Riżoluzzjoni 1325 tal-KSNU | AG |

78 Żviluppi riċenti u l-prijoritajiet attwali fil-qasam tal-ugwaljanza bejn is-sessi, Netwerk Ewropew ta' Esperti dwar l-Ugwaljanza Bejn is-Sessi (ENEGE), 2014.
79 Il-PNA kien inizjalment stabbilit għall-2010-2013; il-programm tal-gvern jikkonferma estensjoni għall-2013-2018.
80 Il-PNA kien primarjament imfassal sabiex tingħeleb il-vjolenza domestika, imma issa jindirizza wkoll l-MĠF, iż-żwiġijiet sfurzati u l-vjolenza relatata mal-unur.

| | Dokumenti adottati | Status* |
|---|---|---|
| | It-tielet PNA dwar il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-faċilitazzjoni tad-dħul klandestin ta' persuni (2015-2019) | AG |
| **Il-Bulgarija** | Strateġija nazzjonali għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi (2009-2015) | AG |
| | PNA annwali li jippromwovi l-ugwaljanza bejn is-sessi (2009-2015) | AG |
| **Il-Kroazja** | Politika nazzjonali għall-ugwaljanza bejn is-sessi (2011-2015) | AG/AP |
| | L-istrateġija dwar l-iżvilupp tal-intraprenditorja tan-nisa (2014-2020) u l-pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni | AG |
| | Pjan nazzjonali għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni (2015-2020) | D[81] |
| | Strateġija ta' protezzjoni nazzjonali kontra l-vjolenza fil-familja (2011-2016) | AG |
| | PNA għall-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni 1325 tal-KSNU dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà (2011-2014) | AG |
| | Programm nazzjonali dwar il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem (2013-2016) | AG |
| | Pjan nazzjonali għas-soppressjoni tat-traffikar tal-bnedmin (2012-2015) | AG |
| **Ċipru** | PNA dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza domestika (2010-2013) | AG[82] |
| | Pjan ta' azzjoni dwar l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa (2014- 2017) | AG |
| | PNA dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-edukazzjoni (2014-2017) | AG |
| | PNA dwar it-traffikar tal-persuni (2013-2015) | AG |
| **Ir-Repubblika Ċeka** | Pjan nazzjonali dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi – Prijoritajiet u proċeduri tal-Gvern fil-promozzjoni tal-ugwaljanza għan-nisa u l-irġiel (kull sena mill-1998) | AG |
| | Strateġiji għall-opportunitajiet ugwali għall-irġiel u n-nisa (2014-2020) | AG |
| | Pjan ta' azzjoni għal rappreżentanza ugwali tan-nisa fil-politika u fil-pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet (2015) | AG |
| | It-tieni PNA għall-prevenzjoni tal-vjolenza domestika (2015-2018) | AG |

81 Il-gruppi ta' ħidma li qegħdin ifasslu l-pjan bdew jidentifikaw il-problemi u jistabbilixxu miri fil-qasam tax-xogħol u l-impjiegi.
82 Il-kumitat konsultattiv bħalissa qed iħejji t-tieni pjan ta' azzjoni, għall-2016-2018, li se jkopri azzjonijiet li ma kienux koperti mill-ewwel pjan, bħall-ħolqien ta' bażi tad-data ċentrali unifikata.

| | Dokumenti adottati | Status* |
|---|---|---|
| **Id-Danimarka** | PNA annwali dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi | AP[83] |
| | PNA dwar l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi (2007-2011; 2012 'il quddiem) | AG |
| | Strateġija dwar it-tfal u l-familji (2012-2020) | |
| | Pjan ta' azzjoni dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza domestika (2014) | AG |
| | Pjan ta' azzjoni dwar il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin (2015-2018) | AG |
| | PNA dwar il-vjolenza relatata mal-unur (2012 'il quddiem) | AG |
| **L-Estonja** | Pjan ta' azzjoni biex titnaqqas id-disparità fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel (2012-2016) | AG |
| | Pjan ta' żvilupp għat-tfal u l-familji (2012-2020) | AG |
| | Strateġija ta' żvilupp għall-prevenzjoni tal-vjolenza (2015- 2020)[84] | AG |
| | Pjan ta' żvilupp għall-assistenza soċjali (2016-2023)[85] | D |
| **Il-Finlandja** | Pjan ta' azzjoni tal-Gvern għall-ugwaljanza bejn is-sessi (2011-2015) | AG |
| | PNA biex tonqos il-vjolenza kontra n-nisa (2010-2015) | AG |
| **Franza** | Pjan ta' azzjoni għall-ugwaljanza bejn is-sessi; abbozz ta' liġi għall-ugwaljanza bejn is-sessi (mill-2012) | AP |
| | Pjanijiet ta' azzjoni fuq tliet snin biex tingħeleb il-vjolenza kontra n-nisa (2008-2010; 2011-2013; 2014-2016) | AG[86] |
| **Il-Ġermanja** | Programm ta' azzjoni dwar il-prospetti tad-dħul mill-ġdid fis-suq tax-xogħol (mill-2008) | AG |
| | L-ewwel rapport dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi (qafas ta' referenza għall-politika dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi tal-Gvern Federali) (2011) | AG |
| | It-tieni pjan ta' azzjoni tal-Gvern sabiex tingħeleb il-vjolenza domestika kontra n-nisa (mill-2007) | AG |
| **Il-Greċja** | Programm nazzjonali għall-ugwaljanza sostantiva bejn is-sessi (2010-2013, estiż sal-2015)[87] | AG |
| | Pjan nazzjonali dwar l-inklużjoni soċjali (2014), li jippromwovi wkoll l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni | AG |

83 Il-pjan ta' azzjoni jiġi ppreżentat u diskuss fil-parlament kull sena.
84 Maħsuba sabiex titnaqqas il-vjolenza domestika, il-vjolenza kontra t-tfal, il-vjolenza abbażi tas-sess u t-traffikar tal-bnedmin.
85 Dan se jkopri x-xogħol, l-impjiegi, is-sigurtà soċjali, l-inklużjoni soċjali, l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-opportunitajiet ugwali.
86 Il-pjanijiet huma ppreżentati mill-Gvern bħala linji gwida, mingħajr qafas leġiżlattiv.
87 Ġie stabbilit grupp ta› ħidma dwar l-aġġornament tal-programm f›Lulju 2015.

| | Dokumenti adottati | Status* |
|---|---|---|
| **L-Ungerija** | Riżoluzzjoni tal-Gvern Nru 1004/2010 (I. 21.); strateġija nazzjonali għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi – linji gwida u għanijiet 2010-2021 | AG |
| | Strateġija biex jingħeleb it-traffikar tal-bnedmin (2013-2016) | AP |
| **L-Irlanda** | Strateġija nazzjonali tan-nisa (2007-2016) | AG |
| | It-tieni PNA dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà (2015) | |
| | Strateġija nazzjonali dwar il-vjolenza domestika, sesswali u dik abbażi tas-sess (2010-2014)[88] | AG |
| | PNA għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-persuni (2009)[89] | AG |
| **L-Italja** | Programm nazzjonali ta' riforma b'regoli dwar l-indirizzar tal-vjolenza abbażi tas-sess u l-abbuż fi ħdan il-familja (2014) | AG |
| | Pjan ta' azzjoni straordinarju kontra l-vjolenza sesswali u l-insegwiment malizzjuż (stalking) (mill-2010) | AG |
| **Il-Latvja** | Pjan għall-implimentazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi (2012-2014) | AG |
| | Linji gwida tal-Istat dwar il-politika tal-familja (2011-2017), li jkopru l-vjolenza domestika | AG |
| | Linji gwida dwar opportunitajiet u drittijiet ugwali għan-nisa u l-irġiel (2016-2020) | D |
| **Il-Litwanja** | Programm nazzjonali dwar l-opportunitajiet ugwali għan-nisa u l-irġiel (2010-2014) | AG/AP |
| | Rapport dwar l-implimentazzjoni (2015) tal-programm nazzjonali dwar l-opportunitajiet ugwali għan-nisa u l-irġiel (2010-2014) | AG |
| | Programm nazzjonali dwar l-opportunitajiet ugwali għan-nisa u l-irġiel (2015-2021) | AG/AP |
| | PNA għall-implimentazzjoni tal-programm nazzjonali (2015-2017) | AG |

88 Il-Gvern huwa mistenni dalwaqt li japprova t-tieni strateġija nazzjonali.
89 L-abbozzar ta' PNA suċċessur huwa fi stadju avvanzat.

| | Dokumenti adottati | Status* |
|---|---|---|
| **Il-Lussemburgu** | PNA dwar l-ugwaljanza tan-nisa u l-irġiel (2009-2014, aġġornat għall-2015-2018) | AG |
| | Strateġija għat-titjib tar-rappreżentanza tas-sessi fit-teħid tad-deċiżjonijiet (2014) | AG |
| | Programm tal-Gvern dwar ir-rikonċiljazzjoni (2014-2019) | AG |
| | Strateġija tal-Gvern biex jintlaħaq bilanċ aħjar bejn l-irġiel u n-nisa f'korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet ekonomiċi u politiċi (2014) | AG |
| | PNA dwar l-edukazzjoni sesswali u dik emozzjonali (2012) | AG |
| **Malta** | PNA dwar il-vjolenza kontra n-nisa (2013-2015)[90] | AG |
| | Politika tal-Gvern dwar l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi fil-prattika (2012)[91] | AP |
| **In-Netherlands** | Politika ta' emanċipazzjoni primarja (2013-2016) | AG |
| | Pjan speċifiku għan-nisa fil-livelli għolja tal-amministrazzjoni nazzjonali (2013) | AG |
| **Il-Polonja** | PNA għal trattament ugwali (2013-2016) | AG[92] |
| | Programm nazzjonali li jiġġieled kontra l-vjolenza fil-familja (2006-2013, aġġornat għall-2014-2020) | AG |
| | Strateġija ta' żvilupp tal-kapital uman (2020) | AG |
| **Il-Portugall** | Il-ħames pjan nazzjonali għall-ugwaljanza bejn is-sessi, iċ-ċittadinanza u n-non-diskriminazzjoni (2014-2017) | AG |
| | Il-ħames pjan nazzjonali għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza domestika u dik abbażi tas-sess (2014-2017) | AG |
| | It-tielet pjan nazzjonali kontra t-traffikar tal-bnedmin (2014-2017) | AG |
| | It-tielet programm ta' azzjoni għall-prevenzjoni u l-eliminazzjoni tal-MĠF (2014-2017) | AG |

90 Il-pjan kien imħabbar fl-2012.
91 Din il-politika ttenni li d-dipartimenti tal-Gvern u l-organizzazzjonijiet tas-settur pubbliku huma responsabbli għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza.
92 Il-preparazzjoni tal-PNA hija meħtieġa mill-Att Kontra d-Diskriminazzjoni.

| | Dokumenti adottati | Status* |
|---|---|---|
| **Ir-Rumanija** | Strateġija nazzjonali għall-opportunitajiet ugwali bejn in-nisa u l-irġiel (2010-2012, aġġornata għall-2014-2017) | AG |
| | Strateġija nazzjonali għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza domestika (2013-2017) u pjan operattiv | AG |
| **Is-Slovakkja** | PNA għall-prevenzjoni u l-eliminazzjoni tal-vjolenza kontra n-nisa (2014-2019) | AG |
| | Strateġija nazzjonali għall-ugwaljanza bejn is-sessi (2014-2019) | AG |
| | PNA dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi (2014-2019) | AG |
| **Is-Slovenja** | Riżoluzzjoni dwar programm nazzjonali għall-prevenzjoni tal-vjolenza fil-familja (2009-2014) | AG |
| | Abbozz ta' riżoluzzjoni dwar programm nazzjonali għall-opportunitajiet ugwali għan-nisa u l-irġiel (2015) | D[93] |
| **Spanja** | Pjan strateġiku dwar l-opportunitajiet ugwali (2014-2016) | AG |
| | Pjan speċjali dwar l-ugwaljanza tan-nisa u l-irġiel fis-suq tax-xogħol u kontra d-diskriminazzjoni fil-pagi (2015- 2017) | D |
| | It-tieni pjan ta' azzjoni dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fis-soċjetà tal-informazzjoni (2014-2017) | AG |
| | Strateġija nazzjonali għall-eradikazzjoni tal-vjolenza kontra n-nisa (2013-2016) | AG |
| | Pjan għall-promozzjoni tan-nisa fiż-żoni rurali (2015-2018) | AG |
| | Pjan komprensiv dwar l-appoġġ tal-familja (2015-2017) | AG |
| | Pjan komprensiv għall-ġlieda kontra t-traffikar tan-nisa u l-bniet għal skopijiet ta' sfruttament sesswali (2015-2018) | AG |
| | Protokoll nazzjonali kontra l-MĠF (2015) | AG |
| **L-Iżvezja** | Komunikazzjoni tal-Gvern 2011/12:3 dwar L-għan tal-ugwaljanza bejn is-sessi (2011-2014) | AG |

93 L-abbozz tar-riżoluzzjoni ġie diskuss fil-Kunsill tal-Esperti dwar l-Ugwaljanza Bejn is-Sessi fi Frar 2015 u qed ikun diskuss mal-pubbliku sa mit-2 ta' April 2015.

| | Dokumenti adottati | Status* |
|---|---|---|
| | Komunikazzjoni tal-Gvern 2008/09:198 dwar Strateġija għall-ugwaljanza bejn is-sessi fis-suq tax-xogħol u s-settur tan-negozju (2009) | AG |
| | Komunikazzjoni tal-Gvern 2007/08:39 dwar Pjan ta' azzjoni għall-ġlieda kontra l-vjolenza mill-irġiel kontra n-nisa, il-vjolenza relatata mal-unur u l-oppressjoni, u l-vjolenza f'relazzjonijiet tal-istess sess (2008, aġġornat għall-2011-2014) | AG |
| | Pjan ta' azzjoni li jipprevjeni u jxekkel iż-żwieġ ta' żgħażagħ kontra r-rieda tagħhom (2010) | AG |
| | Strateġija dwar l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi għad-dipartimenti tal-Gvern (2012-2015) | AG |
| **Ir-Renju Unit** | Att dwar l-Ugwaljanza 2010 (dmir tal-ugwaljanza fis-settur pubbliku inkorporat fl-2011) | AP |
| | L-Istrateġija dwar l-Ugwaljanzi: il-bini ta' Brittanja aktar ġusta (2006-2016) | AP |
| | Sejħa biex tintemm il-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet (pjanijiet ta' azzjoni riveduti kull sena; l-aktar riċenti f'Marzu 2014) | AP |
| | Pjan ta' azzjoni li jindirizza l-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet (mill-2011) | AG |
| | Programm ta' prevenzjoni tal-MĠF (2014) | AG |

Sorsi: Esperti tal-pajjiż tal-ENEGE (dokumenti tal-pajjiżi, Frar 2015), EIGE, KE, PE.

* AP: approvat mill-Parlament, AG: approvat mill-Gvern, D: abbozz.

# Anness 6:
# Oqsma ewlenin ta' politika indirizzati mill-istrateġiji/ pjanijiet ta' azzjoni dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi tal-Istati Membri (Settembru 2015)

Inizjalment, l-istrateġiji ta' ugwaljanza bejn is-sessi kienu ffukati fuq is-suq tax-xogħol, bl-introduzzjoni ta' leġiżlazzjoni u miżuri regolatorji dwar it-trattament ugwali tan-nisa u l-irġiel f'termini ta' impjiegi. F'dawn l-aħħar snin, bidliet soċjo-ekonomiċi wasslu biex l-intervent jiġi estiż għal oqsma rilevanti oħra, kemm fis-suq tax-xogħol (disparità fil-pagi, ħin tax-xogħol, bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata) u oqsma oħra, bħall-vjolenza kontra n-nisa, is-saħħa, u t-teħid ta' deċiżjonijiet ekonomiċi u politiċi.[94] Dawn l-oqsma huma koperti fl-istrateġiji u l-pjanijiet ta' azzjoni tal-Istati Membri kif ġej:

| | Inklużjoni soċjali u faqar | Edukazzjoni u taħriġ | Aċċess għas-saħħa | Vjolenza abbażi tas-sess | Ekonomija u suq tax-xogħol | Stereotipi tas-sessi | Rikonċiljazzjoni ta' xogħol u l-ħajja tal-familja | Teħid ta' deċiżjonijiet |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-Awstrija | x | x | x | x | x | x | x | x |
| Il-Belġju | x | | | x | x | | | x |
| Il-Bulgarija | x | x | x | x | x | x | x | |
| Ċipru | x | x | x | x | x | x | x | x |
| Ir-Repubblika Ċeka | x | x | x | x | x | x | x | |
| Id-Danimarka | x | x | x | x | x | x | x | x |
| L-Estonja | | x | | x | x | x | x | |
| Franza | x | x | x | x | x | x | x | x |
| Il-Ġermanja | x | x | x | x | x | x | x | x |
| Il-Greċja | x | x | x | x | x | x | x | x |
| L-Ungerija | x | x | x | x | x | x | x | x |

94 Żviluppi riċenti u prijoritajiet attwali fil-qasam tal-ugwaljanza bejn is-sessi, ENEGE, 2014.

| | Inklużjoni soċjali u faqar | Edukazzjoni u taħriġ | Aċċess għas-saħħa | Vjolenza abbażi tas-sess | Ekonomija u suq tax-xogħol | Stereotipi tas-sessi | Rikonċiljazzjoni ta' xogħol u l-ħajja tal-familja | Teħid ta' deċiżjonijiet |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-Irlanda | x | x | x | x | x | x | x | x |
| L-Italja | x | | | x | x | x | x | x |
| Il-Latvja | | | | x | x | x | x | |
| Il-Litwanja | | x | x | x | x | | x | |
| Il-Lussemburgu | x | x | x | x | x | x | x | x |
| Malta | x | x | x | x | x | x | x | x |
| In-Netherlands | x | x | x | x | x | x | x | x |
| Il-Portugall | x | x | x | x | x | x | x | |
| Ir-Rumanija | x | x | | x | x | x | x | |
| Is-Slovenja | x | x | x | x | x | x | x | x |
| Spanja | x | x | x | x | x | x | x | x |
| L-Iżvezja | x | x | x | x | x | x | x | |
| Il-Kroazja | x | x | x | x | x | x | x | x |
| Il-Finlandja | x | x | x | x | x | x | x | x |
| Il-Polonja | x | x | x | x | x | x | x | x |
| Is-Slovakkja | x | x | x | x | x | x | x | x |
| Ir-Renju Unit | x | x | x | x | x | x | x | x |

Sorsi: Esperti tal-pajjiż tal-ENEGE, EIGE, KE, PE

## KIF GĦANDEK TAGĦMEL BIEX TIKSEB IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE

**Pubblikazzjonijiet bla ħlas:**

- kopja waħda:
  permezz tal-EU Bookshop (http://bookshop.europa.eu);
- iżjed minn kopja waħda jew posters/mapep:
  mir-rappreżentanzi tal-Unjoni Ewropea (http://ec.europa.eu/represent_mt.htm),
  mid-delegazzjonijiet f'pajjiżi li mhumiex fl-UE (http://eeas.europa.eu/delegations/index_mt.htm),
  billi tikkuntatja s-servizz Europe Direct (http://europa.eu/europedirect/index_mt.htm)
  jew ċempel 00 800 6 7 8 9 10 11 (numru tat-telefown bla ħlas minn kullimkien fl-UE) (*).

(*) L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

**Pubblikazzjonijiet bi ħlas:**

- permezz tal-EU Bookshop (http://bookshop.europa.eu).

DS-04-15-858-MT-N

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

ISBN 978-92-79-53434-8